Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0550(COD)

19.6.2026

EMENDI
1531 - 1544

Abbozz ta' rapport
Alice Kuhnke, Emma Rafowicz
(PE787.746v01-00)

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818

Proposta għal regolament
(COM(2025)0550 – C10-0173/2025 – 2025/0550(COD))

Emenda 1531
Alice Kuhnke, Emma Rafowicz

Proposta għal regolament
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness I
	DESKRIZZJONI TAL-AZZJONIJIET TAL-PROGRAMM
	TAQSIMA 1
	Fergħa Kultura - Ewropa Kreattiva
	Il-prijoritajiet tal-fergħa Kultura - Ewropa Kreattiva msemmija fl-Artikolu 4 għandhom jiġu segwiti, inkluż bl-għan li tissaħħaħ iċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej f'ambjent diġitali u multilingwi, u fejn xieraq, permezz tat-traduzzjoni, irrispettivament mit-tip ta' mezz użat, permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom, inklużi rati ta' kofinanzjament possibbilment ogħla għal proġetti fuq skala żgħira, għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:
	Azzjonijiet orizzontali:
	L-azzjonijiet orizzontali għandhom l-għan li jappoġġaw is-setturi kulturali u kreattivi kollha, bl-eċċezzjoni tas-settur awdjoviżiv, fl-indirizzar tal-isfidi komuni li jiffaċċjaw fil-livell Ewropew;
	B'mod partikolari, l-azzjonijiet orizzontali għandhom jikkofinanzjaw proġetti tranżnazzjonali għall-kollaborazzjoni, in-networking, il-mobbiltà u l-internazzjonalizzazzjoni, inkluż permezz ta' programmi ta' residenza, vjaġġar, avvenimenti, wirjiet u festivals;
	L-azzjonijiet orizzontali li ġejjin għandhom jiġu appoġġati skont il-Programm:
	(a) proġetti ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi ta' kull daqs, inklużi organizzazzjonijiet mikro u organizzazzjonijiet żgħar, u minn pajjiżi differenti biex iwettqu attivitajiet settorjali

jew transettorjali;

(b) networks Ewropej ta' organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi minn pajjiżi differenti;
(c) pjattaformi kulturali u kreattivi pan-Ewropej;
(d) il-mobbiltà tranżnazzjonali tal-artisti u tal-operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi, u ċ-ċirkolazzjoni tranżnazzjonali ta' xogħlijiet artistiċi u kulturali;
(e) appoġġ, inkluż f'termini ta' bini tal-kapaċitajiet, għal organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi sabiex jiġu mgħejuna joperaw fil-livell internazzjonali;
(f) żvilupp, kooperazzjoni u implimentazzjoni tal-politika fil-qasam tal-kultura, inkluż permezz tal-forniment ta' data u l-iskambju tal-aħjar prattiki, proġetti pilota u inċentivi biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
Azzjonijiet settorjali:

Sabiex jirrispondu għall-ħtiġijiet kondiviżi fl-Unjoni, l-azzjonijiet settorjali li ġejjin għandhom jiġu appoġġati f'dawk is-setturi kulturali u kreattivi li l-ispeċifiċitajiet jew l-isfidi speċifiċi tagħhom jirrikjedu approċċ aktar immirat li jikkomplementa l-azzjonijiet orizzontali:
(a) appoġġ għas-settur tal-kotba u tal-pubblikazzjoni: azzjonijiet immirati li jippromwovu d-diversità, il-kreattività u l-innovazzjoni, il-promozzjoni tal-letteratura Ewropea bejn il-fruntieri fl-Ewropa u lil hinn minnha, inkluż fil-libreriji, taħriġ u skambji għall-professjonisti fis-settur, l-awturi u t-tradutturi u proġetti tranżnazzjonali għall-kollaborazzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp f' dak is-settur; azzjonijiet immirati li jippromwovu t-traduzzjoni tal-letteratura u, fejn ikun possibbli, l-adattament tal-letteratura f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà;
(b) appoġġ għall-wirt arkitettoniku u kulturali għal ambjent mibni ta' kwalità: azzjonijiet immirati għall-mobbiltà, il-bini tal-kapaċitajiet u l-internazzjonalizzazzjoni tal-operaturi tal-wirt arkitettoniku u

kulturali; il-promozzjoni ta' Baukultur, it-tagħlim bejn il-pari u l-involviment tal-udjenza sabiex jinxterdu prinċipji ta' kwalità għolja fl-interventi relatati mal-arkitettura kontemporanja u l-wirt kulturali; appoġġ għas-salvagwardja sostenibbli, ir-riġenerazzjoni u l-użu mill-ġdid adattiv tal-wirt kulturali u l-promozzjoni tal-valuri tiegħu permezz ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet ta' networking;
(c) appoġġ għal setturi oħra ta' kreazzjoni artistika meta jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi, inklużi azzjonijiet immirati għall-iżvilupp tal-aspetti kreattivi tas-setturi tat-turiżmu kulturali sostenibbli u tas-setturi tad-disinn u tal-moda u għall-promozzjoni u r-rappreżentanza ta' dawk is-setturi l-oħra ta' kreazzjoni artistika barra mill-Unjoni.
Azzjonijiet speċjali li għandhom l-għan li jagħmlu d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi Ewropej viżibbli u tanġibbli u li jrawmu d-djalogu interkulturali:
(a) appoġġ finanzjarju għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura;
(b) appoġġ finanzjarju għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u attivitajiet ta' networking bejn is-siti li jingħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew;
(c) premjijiet kulturali tal-Unjoni;

(d) Jiem Ewropej tal-Wirt;

(e) appoġġ għal entitajiet kulturali Ewropej bħall-orkestri li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu artisti żgħażagħ b'potenzjali għoli, u li għandhom approċċ inklużiv b'kopertura ġeografika kbira, jew entitajiet li jagħtu servizzi kulturali diretti liċ-ċittadini Ewropej b'kopertura ġeografika kbira.
TAQSIMA 2

Fergħa Kultura - Mużika

L-azzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu appoġġati:
(a) proġetti ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet attivi tul il-katina tal-

valur tal-mużika biex irawmu l-ħolqien, il-produzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet mużikali u repertorji Ewropej;
(b) il-ħolqien u l-funzjonament ta' networks Ewropej ta' organizzazzjonijiet tal-mużika, inklużi postijiet, festivals, tikketti, pubblikaturi u assoċjazzjonijiet professjonali, immirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità, il-kooperazzjoni strutturata u r-reżiljenza tas-settur;
(c) appoġġ għall-mobbiltà tranżnazzjonali tal-artisti u tal-professjonisti tal-mużika, inklużi l-ivvjaġġar, ir-residenzi u l-internazzjonalizzazzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-artisti emerġenti u l-gruppi sottorappreżentati;
(d) appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, il-viżibbiltà u l-iskopribbiltà tal-mużika Ewropea, inkluż permezz ta' spettakli diretti, xandir u distribuzzjoni diġitali, bil-ħsieb li jittejjeb l-aċċess għal udjenzi differenti madwar l-Unjoni u lil hinn minnha;
(e) azzjonijiet ta' bini tal-kapaċitajiet għall-operaturi tas-settur tal-mużika, b'mod partikolari organizzazzjonijiet żgħar u ta' daqs medju u atturi indipendenti, inkluż fir-rigward tal-iżvilupp tal-ħiliet, l-intraprenditorija, it-tranżizzjoni diġitali u l-adattament għall-iżviluppi tas-suq;
(f) appoġġ għal aċċess imtejjeb għall-finanzjament, inklużi proċeduri ta' applikazzjoni ssimplifikati, fejn xieraq proċess ta' applikazzjoni f'żewġ stadji, u kundizzjonijiet ta' finanzjament flessibbli, inkluża l-possibbiltà ta' finanzjament tal-Unjoni sa 100 %;
(g) appoġġ għall-ġbir, l-analiżi u d-disseminazzjoni tad-data, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' Osservatorju Ewropew tal-Mużika, li jikkontribwixxi għat-trasparenza, l-intelliġenza tas-suq u t-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza;
(h) l-iżvilupp tal-politika, il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fis-settur tal-mużika, inklużi inizjattivi li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni, l-aċċessibbiltà, ir-remunerazzjoni ġusta, il-protezzjoni soċjali, il-benesseri mentali u

ambjenti tax-xogħol sikuri.

TAQSIMA 3

Fergħa Kultura - MEDIA

Il-prijoritajiet tal-fergħa Kultura - MEDIA msemmija fl-Artikolu 5 għandhom iqisu r-rekwiżiti tad-Direttiva 2010/13/UE u d-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi u l-aċċess għalihom, u d-daqs u l-ispeċifiċitajiet tas-swieq rispettivi tagħhom u d-diversità lingwistika, u għandhom jiġu segwiti permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:
(a) l-iżvilupp ta' xogħlijiet awdjoviżivi minn kumpaniji tal-produzzjoni indipendenti Ewropej, li jkopru varjetà ta' formati (bħal films ċinematografiċi twal, films qosra, serje, dokumentarji u videogames narrattivi) u ġeneri, u mmirati lejn udjenzi differenti, inklużi t-tfal u ż-żgħażagħ;
(b) il-produzzjoni ta' kontenut televiżiv u ta' rakkontar ta' stejjer f'serje innovattivi u ta' kwalità, li jindirizzaw udjenzi differenti, minn kumpaniji tal-produzzjoni awdjoviżiva Ewropej indipendenti;
(c) għodod ta' promozzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, inkluż online u permezz tal-użu tal-analitika tad-data, biex jiżdiedu l-prominenza, il-viżibbiltà, l-aċċess transfruntier tax-xogħlijiet Ewropej u biex dawn jilħqu udjenzi akbar;
(d) appoġġ għall-bejgħ u ċ-ċirkolazzjoni internazzjonali ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali fuq il-pjattaformi kollha (eż. teatri taċ-ċinema, online) u distributuri u aġenti tal-bejgħ tal-films fl-akkwist, l-adattament, il-promozzjoni u r-rilaxx ta' films Ewropej mhux nazzjonali fiċ-ċinemas u fuq pjattaformi diġitali, immirati kemm lejn produzzjonijiet żgħar kif ukoll ta' daqs kbir, inkluż permezz ta' appoġġ awtomatiku u strateġiji ta' distribuzzjoni kkoordinati li jkopru diversi pajjiżi u l-inkoraġġiment tal-użu tas-sottotitolar, id-doppjaġġ u, fejn applikabbli, għodod ta' deskrizzjoni awdjo;

(e) appoġġ għall-aċċess multilingwi għal programmi televiżivi kulturali online permezz tas-sottotitolar;
(f) appoġġ għal attivitajiet ta' networking għall-professjonisti awdjoviżivi, inklużi l-kreaturi, u l-iskambji bejn in-negozji biex jitrawmu u jiġu promossi t-talenti fis-settur awdjoviżiv Ewropew, u biex jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' kokreazzjonijiet u koproduzzjonijiet Ewropej u internazzjonali;
(g) appoġġ għall-attivitajiet tal-operaturi awdjoviżivi Ewropej f'avvenimenti u fieri industrijali fl-Ewropa u lil hinn minnha;
(h) appoġġ għall-viżibbiltà u d-diffużjoni ta' films u kreazzjonijiet awdjoviżivi Ewropej mmirati lejn udjenzi Ewropej wesgħin lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, speċjalment iż-żgħażagħ u l-multiplikaturi, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' wiri, komunikazzjoni, disseminazzjoni u promozzjoni b'appoġġ għall-Premjijiet Ewropej, b'mod partikolari "LUX - il-Premju Ċinematografiku Ewropew tal-Pubbliku mogħti mill-Parlament Ewropew u l-Akkademja Ewropea taċ-Ċinema".
(i) inizjattivi li jippromwovu l-ilħuq ta' udjenzi ġodda u l-involviment tal-pubbliku, inklużi attivitajiet ta' edukazzjoni ċinematografika, li jindirizzaw b'mod partikolari lil udjenzi żgħażagħ;
(j) attivitajiet ta' taħriġ u ta' mentoraġġ biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-professjonisti awdjoviżivi li jadattaw għal proċessi kreattivi ġodda, żviluppi tas-suq u teknoloġiji diġitali li jaffettwaw il-katina tal-valur kollha inkluż permezz ta' miżuri mmirati bħal residenzi, skemi ta' mobbiltà, formati ta' tagħlim bejn il-pari u ta' skambju, mentoraġġ, pjattaformi ta' networking u azzjonijiet personalizzati ta' bini tal-kapaċitajiet, bil-ħsieb li l-ħallieqa u d-diretturi tal-films ikunu jistgħu jiżviluppaw il-proġetti tagħhom, jikkondividu l-esperjenzi — inkluż dwar kwistjonijiet bħall-awtoċensura — jibbenefikaw minn tagħlim reċiproku, u jsaħħu l-ħiliet tagħhom, b'mod partikolari

fir-rigward tat-teknoloġiji emerġenti u l-użu responsabbli tagħhom;
(k) network jew networks tal-operaturi ta' Video on Demand Ewropej, li juru proporzjon sinifikanti ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali;
(l) festivals Ewropej u networks ta' festivals Ewropej jew networks ta' festivals Ewropej li juru proporzjon sinifikanti ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali, filwaqt li jippreżervaw l-identità u l-profil uniku tagħhom;
(m) network ta' operaturi taċ-ċinema Ewropej, b'kopertura ġeografika wiesgħa, li juru proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali, irawmu r-rwol tat-teatri taċ-ċinema Ewropej fiċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u jiżguraw li l-operaturi taċ-ċinema jirċievu appoġġ finanzjarju suffiċjenti u inċentivi biex jipprogrammaw u juru dawk il-films;
(n) miżuri speċifiċi li jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni aktar ibbilanċjata bejn il-ġeneri fis-settur awdjoviżiv, inklużi studji, mentoraġġ, taħriġ u attivitajiet ta' networking;
(o) appoġġ għal djalogu ta' politika, azzjonijiet innovattivi ta' politika u għall-iskambju tal-aħjar prattiki – inkluż permezz ta' attivitajiet analitiċi u l-forniment ta' data affidabbli;
(p) skambju tranżnazzjonali ta' esperjenzi u għarfien espert, attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari u networking fis-settur awdjoviżiv u fost dawk li jfasslu l-politika.
TAQSIMA 4

Fergħa Informazzjoni u Ġurnaliżmu

Attivitajiet u azzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu appoġġati dment li jikkontribwixxu għal:
(a) il-protezzjoni tal-ġurnalisti, il-professjonisti tal-media u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
(b) il-protezzjoni u l-promozzjoni ta' ekosistema tal-informazzjoni sikura, vijabbli, indipendenti, diversa u demokratika;
(c) il-produzzjoni ta' kontenut

ġurnalistiku;

(d) id-distribuzzjoni u l-aċċess għall-kontenut;
(e) il-promozzjoni tat-trasformazzjoni u l-innovazzjoni diġitali;
(f) it-tisħiħ tal-media lokali, id-diversità u l-inklużjoni;
(g) il-promozzjoni tal-litteriżmu medjatiku, informattiv u diġitali;
(h) il-garanzija tar-rispett għall-indipendenza editorjali u l-istandards professjonali.
TAQSIMA 5

Fergħa CERV+

Attivitajiet u azzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu appoġġati dment li jikkontribwixxu għal:
(a) is-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fl-oqsma u l-objettivi koperti mill-fergħa sabiex jittejjeb l-għarfien tal-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u l-politiki relatati;
(b) il-bini ta' koalizzjoni u l-kooperazzjoni, it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba fost il-partijiet ikkonċernati biex jittejbu l-għarfien u l-fehim reċiproku, inkluż dawk transfruntieri;
(c) attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ biex jittejjeb il-fehim tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni fl-oqsma koperti mill-fergħa kif ukoll biex tittejjeb l-implimentazzjoni tad-dritt, il-politiki u l-valuri tal-Unjoni fl-Istati Membri, bħal attivitajiet li jinkludu l-ġbir ta' data u statistika diżaggregati; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, ta' indikaturi jew ta' punti ta' riferiment, studji, riċerka, analiżijiet u stħarriġ, evalwazzjonijiet, valutazzjonijiet tal-impatt, u l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv;
(d) it-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jittejjeb l-għarfien tal-politiki u d-drittijiet fl-oqsma koperti mill-fergħa;
(e) l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

(f) l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi oħra tal-ispazju ċiviku attivi fl-oqsma koperti mill-fergħa;
(i) sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu, u li jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess adegwat għas-servizzi, għall-attivitajiet ta' konsulenza u għall-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom:
(ii) sabiex iwettqu attivitajiet li jippromwovu d-drittijiet, biex b'hekk ukoll jissaħħu l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni u r-rispett għall-istat tad-dritt, u jingħata kontribut għad-djalogu demokratiku, it-trasparenza u l-governanza tajba, inkluż f'każijiet ta' spazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili;
(g) l-inkoraġġiment u l-iffaċilitar ta' parteċipazzjoni attiva u inklużiva fil-bini ta' Unjoni aktar demokratika, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni għad-drittijiet u l-valuri permezz tal-għoti ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
(h) l-iżvilupp tal-kapaċità tal-atturi tal-ispazju ċiviku biex jippromwovu, jimmonitorjaw u jiżviluppaw aktar id-dritt, il-valuri, l-għanijiet ta' politika u l-istrateġiji tal-Unjoni;
(i) il-finanzjament tal-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/788, u b'hekk jirfed l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini li jniedu u jappoġġaw inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej.
TAQSIMA 6

Fergħa Daphne

Attivitajiet u azzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu appoġġati dment li jikkontribwixxu għal:
(a) is-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fl-oqsma u l-objettivi koperti mill-fergħa sabiex jittejjeb l-għarfien tal-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u l-politiki relatati;
(b) it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba fost il-partijiet ikkonċernati biex jittejbu l-għarfien u l-fehim reċiproku;
(c) attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ biex jittejjeb il-fehim tas-sitwazzjoni fl-

Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni fl-oqsma koperti mill-fergħa kif ukoll biex tittejjeb l-implimentazzjoni tad-dritt, il-politiki u l-valuri tal-Unjoni fl-Istati Membri, bħal attivitajiet li jinkludu l-ġbir ta' data u statistika diżaggregati; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, ta' indikaturi jew ta' punti ta' riferiment, studji, riċerka, analiżijiet u stħarriġ, evalwazzjonijiet, valutazzjonijiet tal-impatt, u l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv;
(d) it-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jittejjeb l-għarfien tal-politiki u d-drittijiet fl-oqsma koperti mill-fergħa;
(e) l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;
(f) l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi oħra tal-ispazju ċiviku attivi fl-oqsma koperti mill-fergħa;
(i) sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu, u li jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess adegwat għas-servizzi, għall-attivitajiet ta' konsulenza u għall-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom:
(ii) sabiex iwettqu attivitajiet li jippromwovu d-drittijiet, biex b'hekk ukoll jissaħħu l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni u r-rispett għall-istat tad-dritt, u jingħata kontribut għad-djalogu demokratiku, it-trasparenza u l-governanza tajba, inkluż f'każijiet ta' spazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili;
(g) l-inkoraġġiment u l-iffaċilitar ta' parteċipazzjoni attiva u inklużiva fil-bini ta' Unjoni aktar demokratika, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni għad-drittijiet u l-valuri permezz tal-għoti ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
(h) l-iżvilupp tal-kapaċità tal-atturi tal-ispazju ċiviku li jippromwovu, jimmonitorjaw u jiżviluppaw aktar id-dritt, il-valuri, l-għanijiet ta' politika u l-istrateġiji tal-Unjoni.
TAQSIMA 7

Fergħa Valuri tal-Unjoni

Attivitajiet u azzjonijiet speċifiċi għandhom

jiġu appoġġati dment li jikkontribwixxu għal:
(a) l-appoġġ u l-garanzija tar-reżiljenza tal-ispazju ċiviku;
(b) l-għoti ta' protezzjoni olistika u appoġġ indipendenti u immedjat kontra attakki u theddid minn atturi ostili li jfittxu li jimminaw il-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda 1532
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolamentAnness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	DESKRIZZJONI TAL-AZZJONIJIET TAL-PROGRAMM
	TAQSIMA 1
	FERGĦA KULTURA
	Il-prijoritajiet tal-fergħa Kultura msemmija fl-Artikolu 5 għandhom jintlaħqu, anke bil-għan li tissaħħaħ iċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet Ewropej f'ambjent diġitali u multilingwi, u fejn xieraq, permezz tat-traduzzjoni, irrispettivament mit-tip ta' mezz użat, permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom, inkluż rati ta' kofinanzjament possibbilment ogħla għal proġetti fuq skala żgħira, għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:

Azzjonijiet orizzontali:

L-azzjonijiet orizzontali għandhom l-għan li jappoġġaw is-setturi kulturali u kreattivi kollha, bl-eċċezzjoni tas-settur awdjoviżiv, biex jindirizzaw l-isfidi komuni li jiffaċċjaw fil-livell Ewropew. B'mod partikolari, l-azzjonijiet orizzontali għandhom jikkofinanzjaw proġetti tranżnazzjonali għall-kollaborazzjoni, in-networking, il-mobbiltà u l-internazzjonalizzazzjoni, inkluż permezz ta' programmi ta' residenza, vjaġġar, avvenimenti, wirjiet u festivals. L-azzjonijiet orizzontali li ġejjin għandhom jiġu appoġġati skont il-Programm:

(a) proġetti ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi ta' kull daqs, inklużi organizzazzjonijiet mikro u organizzazzjonijiet żgħar, u minn pajjiżi differenti biex iwettqu attivitajiet settorjali jew transettorjali;

(b) networks Ewropej ta' organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi minn pajjiżi differenti;

(c) pjattaformi kulturali u kreattivi pan-Ewropej;

(d) il-mobbiltà tranżnazzjonali tal-artisti u l-operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi u ċ-ċirkolazzjoni tranżnazzjonali ta' xogħlijiet artistiċi u kulturali, inklużi xogħlijiet minn artisti b'diżabbiltà u artisti torox;

(e) appoġġ, inkluż f'termini ta' bini tal-kapaċitajiet, għal organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi sabiex jiġu mgħejuna joperaw fil-livell internazzjonali;

(f) żvilupp, kooperazzjoni u implimentazzjoni tal-politika fil-qasam tal-kultura, inkluż permezz tal-forniment ta' data u l-iskambju tal-aħjar prattiki, proġetti pilota u inċentivi biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Azzjonijiet settorjali:

Biex jirrispondu għall-ħtiġijiet kondiviżi fl-Unjoni, l-azzjonijiet settorjali li ġejjin għandhom jiġu appoġġati f'dawk is-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari s-settur tal-mużika, li l-ispeċifiċitajiet jew l-isfidi speċifiċi tiegħu jirrikjedu approċċ aktar immirat li jikkomplementa l-azzjonijiet orizzontali:

(a) appoġġ għas-settur tal-mużika: azzjonijiet li jippromwovu d-diversità, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-qasam tal-mużika, inkluż l-ispettakli live, b'mod partikolari d-distribuzzjoni u l-promozzjoni tar-repertorji mużikali kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha, azzjonijiet ta' taħriġ, parteċipazzjoni fil-mużika u aċċess għaliha, u l-iżvilupp ta' udjenzi għar-repertorji kollha Ewropej, u appoġġ għall-ġbir u l-analiżi ta' data; dawk l-azzjonijiet għandhom jibnu fuq l-esperjenzi u l-għarfien espert miksuba fl-inizjattiva "Il-Mużika Ċċaqlaq l-Ewropa" u jkomplu jappoġġawhom b'attenzjoni partikolari għall-artisti emerġenti u l-gruppi sottorappreżentati, inklużi dawk minn minoranzi lingwistiċi u kulturali;

(b) appoġġ għas-settur tal-kotba u tal-pubblikazzjoni: azzjonijiet immirati li jippromwovu d-diversità, il-kreattività u l-innovazzjoni, il-promozzjoni tal-letteratura Ewropea bejn il-fruntieri fl-Ewropa u lil hinn minnha, inkluż fil-libreriji, taħriġ u skambji għall-professjonisti fis-settur, l-awturi u t-tradutturi u proġetti tranżnazzjonali għall-kollaborazzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp f' dak is-settur; azzjonijiet immirati li jippromwovu t-traduzzjoni tal-letteratura u, fejn possibbli, l-adattament tal-letteratura f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u fil-lingwi tas-sinjali nazzjonali;

(c) l-appoġġ għall-ħolqien, il-koproduzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u l-viżibbiltà ta' xogħlijiet tal-arti tal-ispettaklu Ewropej, li jirriflettu d-diversità

kulturali u lingwistika tal-Unjoni, bejn il-fruntieri u internazzjonalment; l-appoġġ għall-iżvilupp tal-udjenza, il-parteċipazzjoni kulturali u l-aċċess għall-arti tal-ispettaklu, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ u l-gruppi sottorappreżentati;

(d) appoġġ għall-wirt arkitettoniku u kulturali għal ambjent mibni ta' kwalità: azzjonijiet immirati għall-mobbiltà, il-bini tal-kapaċitajiet u l-internazzjonalizzazzjoni tal-operaturi tal-wirt arkitettoniku u kulturali; il-promozzjoni ta' Baukultur, it-tagħlim bejn il-pari u l-involviment tal-udjenza sabiex jinxterdu prinċipji ta' kwalità għolja fl-interventi relatati mal-arkitettura kontemporanja u l-wirt kulturali; appoġġ għas-salvagwardja sostenibbli, ir-riġenerazzjoni u l-użu mill-ġdid adattiv tal-wirt kulturali u l-promozzjoni tal-valuri tiegħu permezz ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet ta' networking;

(e) l-arti viżiva;

(f) l-artiġjanat u d-disinn;

(d) appoġġ għal setturi oħra ta' kreazzjoni artistika meta jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi, inklużi azzjonijiet immirati għall-iżvilupp tal-aspetti kreattivi tas-setturi tat-turiżmu kulturali sostenibbli u tas-setturi tad-disinn u tal-moda u għall-promozzjoni u r-rappreżentanza ta' dawk is-setturi l-oħra ta' kreazzjoni artistika barra mill-Unjoni.

Azzjonijiet speċjali li għandhom l-għan li jrendu d-diversità kulturali u l-patrimonju kulturali Ewropej viżibbli u tanġibbli u li jrawmu d-djalogu interkulturali:

(a) appoġġ finanzjarju għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura;

(b) appoġġ finanzjarju għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u attivitajiet ta' networking bejn is-siti li jingħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew;

(c) premjijiet kulturali tal-Unjoni;

(d) Jiem Ewropej tal-Wirt;

(e) appoġġ għal entitajiet kulturali Ewropej bħall-orkestri li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu artisti

żgħażagħ b'potenzjali għoli, u li għandhom approċċ inklużiv b'kopertura ġeografika kbira, jew entitajiet li jagħtu servizzi kulturali diretti liċ-ċittadini Ewropej b'kopertura ġeografika kbira.

TAQSIMA 2

FERGĦA MEDIA

Il-prijoritajiet tal-fergħa MEDIA msemmija fl-Artikolu 6 għandhom iqisu r-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2018/1808 u d-differenzi bejn il-pajjiżi fir-rigward tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-kontenut awdjoviżiv, u l-aċċess għalih u d-daqs u l-ispeċifiċitajiet tas-swieq u d-diversità lingwistika rispettivi tagħhom, u għandhom jintlaħqu permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom għandhom ikunu definiti fil-programmi ta' ħidma:

(a) l-iżvilupp ta' xogħlijiet awdjoviżivi minn kumpaniji tal-produzzjoni indipendenti Ewropej, li jkopru varjetà ta' formati (bħal films ċinematografiċi twal, films qosra, sensiliet, dokumentarji u video games narrattivi) u ġeneri, u li jimmiraw udjenzi differenti, inklużi t-tfal u ż-żgħażagħ u l-persuni b'diżabbiltà;

(b) il-produzzjoni ta' kontenut televiżiv u ta' rakkonti ta' serje innovattivi u ta' kwalità, li jindirizzaw udjenzi differenti minn kumpaniji tal-produzzjoni indipendenti Ewropej;

(c) għodod ta' promozzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, inkluż online u permezz tal-użu tal-analitika tad-data, biex jiżdiedu l-prominenza, il-viżibbiltà, l-aċċess transfruntier tax-xogħlijiet Ewropej u biex dawn jilħqu udjenzi akbar;

(d) appoġġ għall-bejgħ u ċ-ċirkolazzjoni internazzjonali ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali fuq il-pjattaformi kollha (eż. teatri taċ-ċinema, online) immirati kemm lejn produzzjonijiet żgħar kif ukoll ta' daqs kbir, inkluż permezz ta' strateġiji ta' distribuzzjoni kkoordinati li jkopru diversi pajjiżi u l-inkoraġġiment tal-użu tas-sottotitolar, id-doppjaġġ, il-lingwa tas-sinjali u, fejn applikabbli, għodod ta'

deskrizzjoni awdjo;

(e) appoġġ għall-aċċess multilingwi għal programmi televiżivi kulturali online permezz tas-sottotitolar u bil-lingwa tas-sinjali;

(f) appoġġ għal attivitajiet ta' networking għall-professjonisti awdjoviżivi, inklużi l-kreaturi, u l-iskambji bejn in-negozji biex jitrawmu u jiġu promossi t-talenti fis-settur awdjoviżiv Ewropew, u biex jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' kokreazzjonijiet u koproduzzjonijiet Ewropej u internazzjonali;

(g) appoġġ għall-attivitajiet tal-operaturi awdjoviżivi Ewropej f'avvenimenti u fieri industrijali fl-Ewropa u lil hinn minnha;

(h) appoġġ għall-viżibbiltà u d-diffużjoni ta' films u kreazzjonijiet awdjoviżivi Ewropej mmirati lejn udjenzi Ewropej wesgħin lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, speċjalment iż-żgħażagħ u l-multiplikaturi, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' wiri, komunikazzjoni, disseminazzjoni u promozzjoni b'appoġġ għall-Premjijiet Ewropej, b'mod partikolari "LUX - il-Premju Ċinematografiku Ewropew tal-Pubbliku mogħti mill-Parlament Ewropew u l-Akkademja Ewropea taċ-Ċinema".

(i) inizjattivi li jippromwovu l-ilħuq ta' udjenzi ġodda u l-involviment tal-pubbliku, inklużi attivitajiet ta' edukazzjoni ċinematografika, li jindirizzaw b'mod partikolari lil udjenzi żgħażagħ;

(j) attivitajiet ta' taħriġ u ta' mentoraġġ biex tittejjeb il-kapaċità tal-professjonisti awdjoviżivi li jadattaw għal proċessi kreattivi, żviluppi tas-suq u teknoloġiji diġitali ġodda li jaffettwaw il-katina ta' valur sħiħa;

(k) network jew networks tal-operaturi ta' Video on Demand Ewropej, li juru proporzjon sinifikanti ta' xogħlijiet

Ewropej mhux nazzjonali;

(l) festivals Ewropej u networks ta' festivals Ewropej jew networks ta' festivals Ewropej li juru proporzjon sinifikanti ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali, filwaqt li jippreżervaw l-identità u l-profil uniku tagħhom;

(m) network ta' operaturi taċ-ċinema Ewropej, b'kopertura ġeografika wiesgħa, li juru proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali, biex jitrawwem ir-rwol taċ-ċinemas Ewropej fiċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej;

(n) miżuri speċifiċi li jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni aktar ibbilanċjata bejn il-ġeneri fis-settur awdjoviżiv, inklużi studji, mentoraġġ, taħriġ u attivitajiet ta' networking;

(o) appoġġ għal djalogu ta' politika, azzjonijiet innovattivi ta' politika u għall-iskambju tal-aħjar prattiki – inkluż permezz ta' attivitajiet analitiċi u l-forniment ta' data affidabbli;

(p) skambju tranżnazzjonali ta' esperjenzi u għarfien espert, attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari u networking fis-settur awdjoviżiv u fost dawk li jfasslu l-politika.

TAQSIMA 2

FERGĦA INFORMAZZJONI U ĠURNALIŻMU

L-attivitajiet u l-azzjonijiet speċifiċi għall-fergħa Aħbarijiet u Ġurnaliżmu għandhom jiġu appoġġati dment li jikkontribwixxu għal:

(a) il-protezzjoni tal-ġurnalisti, il-professjonisti tal-media u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(b) il-protezzjoni u l-promozzjoni ta' ekosistema tal-informazzjoni sikura, vijabbli, indipendenti, diversa u demokratika;

(c) il-produzzjoni ta' kontenut ġurnalistiku inkluż bil-lingwi reġjonali u minoritarji, il-lingwi tas-sinjali

nazzjonali;

(d) id-distribuzzjoni u l-aċċess għall-kontenut;

(e) il-promozzjoni tat-trasformazzjoni u l-innovazzjoni diġitali;

(f) it-tisħiħ tal-media lokali, id-diversità, l-aċċessibbiltà u l-inklużjoni;

(g) il-promozzjoni tal-litteriżmu medjatiku, informattiv u diġitali;

(h) il-garanzija tar-rispett għall-indipendenza editorjali u l-istandards professjonali.

Or. en

Emenda 1533
Sabine Verheyen, Sunčana Glavak, Eleonora Meleti, Manuela Ripa

Proposta għal regolament
Anness I (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS I
	DESKRIZZJONI TAL-AZZJONIJIET TAL-PROGRAMM
	TAQSIMA 1
	FERGĦA EWROPA KREATTIVA - KULTURA
	Il-prijoritajiet tal-fergħa Kultura msemmija fl-Artikolu 4 għandhom jintlaħqu, anke bl-għan li tissaħħaħ iċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet Ewropej f'ambjent diġitali u multilingwi, u fejn xieraq, permezz tat-traduzzjoni, irrispettivament mit-tip ta' mezz użat, permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom, inkluži rati ta' kofinanzjament possibbilment ogħla għal proġetti fuq skala żgħira, għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:
	Azzjonijiet orizzontali:

L-azzjonijiet orizzontali għandhom l-għan li jappoġġaw is-setturi kulturali u kreattivi kollha, bl-eċċezzjoni tas-settur awdjoviżiv (is-subfergħat "Media" u "News Media", fl-indirizzar tal-isfidi komuni li jiffaċċjaw fil-livell Ewropew. B'mod partikolari, l-azzjonijiet orizzontali għandhom jikkofinanzjaw proġetti tranżnazzjonali għall-kollaborazzjoni, in-networking, il-mobbiltà u l-internazzjonalizzazzjoni, inkluż permezz ta' programmi ta' residenza, tours, avvenimenti, wirjiet u festivals. L-azzjonijiet orizzontali li ġejjin għandhom jiġu appoġġati skont il-Programm:

(a) proġetti ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi ta' kull daqs, inklużi organizzazzjonijiet mikro u organizzazzjonijiet żgħar, u minn pajjiżi differenti biex iwettqu attivitajiet settorjali jew transettorjali;

(b) networks Ewropej ta' organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi minn pajjiżi differenti;

(c) pjattaformi kulturali u kreattivi pan-Ewropej;

(d) il-mobbiltà tranżnazzjonali tal-artisti u tal-operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi, u ċ-ċirkolazzjoni tranżnazzjonali ta' xogħlijiet artistiċi u kulturali;

(e) appoġġ, inkluż f'termini ta' bini tal-kapaċitajiet, għal organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi sabiex jiġu mgħejuna joperaw fil-livell internazzjonali;

(f) żvilupp, kooperazzjoni u implimentazzjoni tal-politika fil-qasam tal-kultura, inkluż permezz tal-forniment ta' data u l-iskambju tal-aħjar prattiki, proġetti pilota u inċentivi biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Azzjonijiet settorjali:

Biex iwieġbu għall-ħtiġijiet kondiviżi fl-

Unjoni, l-azzjonijiet settorjali li ġejjin għandhom jiġu appoġġati f'dawk is-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari s-settur tal-mużika, li l-ispeċifiċitajiet jew l-isfidi speċifiċi tiegħu jirrikjedu approċċ aktar immirat li jikkomplementa l-azzjonijiet orizzontali:

(a) appoġġ għas-settur tal-mużika: azzjonijiet li jippromwovu d-diversità, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-qasam tal-mużika, inkluż l-ispettaklu live, b'mod partikolari, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni tar-repertorji mużikali kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha, sejħiet speċifiċi li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet attivi tul il-katina tal-valur biex irawmu l-ħolqien, il-produzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet u repertorji mużikali Ewropej; l-istabbiliment u l-appoġġ ta' skema Ewropea ta' postijiet tal-mużika li sservi bħala tikketta ta' kwalità għal postijiet impenjati għall-promozzjoni tar-repertorji Ewropej, inkluż appoġġ finanzjarju li jippermetti l-ipprogrammar u l-wiri tal-artisti Ewropej, azzjonijiet ta' taħriġ, parteċipazzjoni fil-mużika u aċċess għaliha, u l-iżvilupp tal-udjenzi għar-repertorji Ewropej kollha, u appoġġ għall-ġbir u l-analiżi tad-data; dawk l-azzjonijiet għandhom jibnu fuq l-esperjenzi u l-għarfien espert miksuba fi ħdan l-inizjattiva "Il-Mużika Ċċaqlaq l-Ewropa" u jkomplu jappoġġawhom;

(b) appoġġ għas-settur tal-kotba u tal-pubblikazzjoni: azzjonijiet immirati li jippromwovu d-diversità, il-kreattività u l-innovazzjoni, il-promozzjoni tal-letteratura Ewropea bejn il-fruntieri fl-Ewropa u lil hinn minnha, inkluż fil-libreriji, taħriġ u skambji għall-professjonisti fis-settur, l-awturi u t-tradutturi u proġetti tranżnazzjonali għall-kollaborazzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp f' dak is-settur; azzjonijiet immirati li jippromwovu t-traduzzjoni tal-letteratura u, fejn ikun possibbli, l-adattament tal-letteratura f'formati

aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà;

(c) appoġġ għall-wirt arkitettoniku u kulturali għal ambjent mibni ta' kwalità: azzjonijiet immirati għall-mobbiltà, il-bini tal-kapaċitajiet u l-internazzjonalizzazzjoni tal-operaturi tal-arkitettura u tal-wirt kulturali; il-promozzjoni ta' Baukultur, it-tagħlim bejn il-pari u l-involviment tal-udjenza sabiex jinxterdu prinċipji ta' kwalità għolja fl-interventi relatati mal-arkitettura kontemporanja u l-wirt kulturali; appoġġ għas-salvagwardja sostenibbli, ir-riġenerazzjoni u l-użu mill-ġdid adattiv tal-wirt kulturali u l-promozzjoni tal-valuri tiegħu permezz ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet ta' networking;

(d) appoġġ għal setturi oħra ta' kreazzjoni artistika meta jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi, inklużi azzjonijiet immirati għall-iżvilupp tal-aspetti kreattivi tas-setturi tat-turiżmu kulturali sostenibbli u tas-setturi tad-disinn u tal-moda u għall-promozzjoni u r-rappreżentanza ta' dawk is-setturi l-oħra ta' kreazzjoni artistika barra mill-Unjoni.

Azzjonijiet speċjali li għandhom l-għan li jrendu d-diversità kulturali u l-patrimonju kulturali Ewropej viżibbli u tanġibbli u li jrawmu d-djalogu interkulturali:

(a) appoġġ finanzjarju għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura;

(b) appoġġ finanzjarju għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u attivitajiet ta' networking bejn is-siti li jingħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew;

(c) premjijiet kulturali tal-Unjoni;

(d) Jiem Ewropej tal-Wirt;

(e) appoġġ għal entitajiet kulturali Ewropej bħall-orkestri li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu artisti żgħażagħ b'potenzjali għoli, u li għandhom approċċ inklużiv b'kopertura ġeografika kbira, jew entitajiet li jagħtu

servizzi kulturali diretti liċ-ċittadini Ewropej b'kopertura ġeografika kbira.

TAQSIMA 2

FERGĦA MEDIA+

Subfergħa "Media"

Il-prijoritajiet tas-subfergħa Media msemmija fl-Artikolu 5 għandhom iqisu r-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2018/1808 u d-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv u l-aċċess għalih, u d-daqs u l-ispeċifiċitajiet tas-swieq rispettivi tagħhom u d-diversità lingwistika, filwaqt li jfittxu li jwessgħu l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti, isaħħu l-kollaborazzjoni bejn dawk il-pajjiżi u jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet aktar ekwi fis-settur awdjoviżiv Ewropew kollu, u għandhom jiġu segwiti permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:

(a) l-iżvilupp ta' xogħlijiet awdjoviżivi minn kumpaniji tal-produzzjoni indipendenti Ewropej, li jkopru varjetà ta' formati (bħal films ċinematografiċi twal, films qosra, serje, dokumentarji u videogames narrattivi) u ġeneri, u mmirati lejn udjenzi differenti, inkluż it-tfal u ż-żgħażagħ;

(b) il-produzzjoni ta' kontenut televiżiv u ta' rakkonti ta' serje innovattivi u ta' kwalità, li jindirizzaw udjenzi differenti minn kumpaniji tal-produzzjoni indipendenti Ewropej;

(c) għodod ta' promozzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, inkluż online u permezz tal-użu tal-analitika tad-data, biex jiżdiedu l-prominenza, il-viżibbiltà, l-aċċess transfruntier tax-xogħlijiet Ewropej u biex dawn jilħqu udjenzi akbar;

(d) appoġġ għall-bejgħ u ċ-ċirkolazzjoni internazzjonali ta' xogħlijiet Ewropej

mhux nazzjonali fuq il-pjattaformi kollha (eż. teatri taċ-ċinema, online) immirat kemm għall-produzzjonijiet żgħar kif ukoll għal dawk kbar, inkluż permezz ta' strateġiji ta' distribuzzjoni kkoordinati li jkunu jkopru diversi pajjiżi u li jħeġġu l-użu tas-sottotitolar, id-doppjaġġ u, fejn applikabbli, tal-għodod ta' deskrizzjoni awdjo;

(e) appoġġ għall-aċċess multilingwi għal programmi televiżivi kulturali online permezz tas-sottotitolar;

(f) appoġġ għal attivitajiet ta' networking għall-professjonisti awdjoviżivi, inklużi l-kreaturi, u l-iskambji bejn in-negozji biex jitrawmu u jiġu promossi t-talenti fis-settur awdjoviżiv Ewropew, u biex jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' kokreazzjonijiet u koproduzzjonijiet Ewropej u internazzjonali;

(g) appoġġ għall-attivitajiet tal-operaturi awdjoviżivi Ewropej f'avvenimenti u fieri industrijali fl-Ewropa u lil hinn minnha;

(h) appoġġ għall-viżibbiltà u d-diffużjoni ta' films u kreazzjonijiet awdjoviżivi Ewropej mmirati lejn udjenzi Ewropej wesgħin lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, speċjalment iż-żgħażagħ u l-multiplikaturi, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' wiri, komunikazzjoni, disseminazzjoni u promozzjoni b'appoġġ għall-Premjijiet Ewropej, b'mod partikolari "LUX - il-Premju Ċinematografiku Ewropew tal-Pubbliku mogħti mill-Parlament Ewropew u l-Akkademja Ewropea taċ-Ċinema".

(i) inizjattivi li jippromwovu l-ilħuq ta' udjenzi ġodda u l-involviment tal-pubbliku, inklużi attivitajiet ta' edukazzjoni ċinematografika, li jindirizzaw b'mod partikolari lil udjenzi żgħażagħ;

(j) attivitajiet ta' taħriġ u ta' mentoraġġ biex tittejjeb il-kapaċità tal-professjonisti awdjoviżivi li jadattaw għal proċessi

kreattivi, żviluppi tas-suq u teknoloġiji diġitali ġodda li jaffettwaw il-katina ta' valur sħiħa;

(k) network jew networks tal-operaturi ta' Video on Demand Ewropej, li juru proporzjon sinifikanti ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali;

(l) festivals Ewropej u networks ta' festivals Ewropej jew networks ta' festivals Ewropej li juru proporzjon sinifikanti ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali, filwaqt li jippreżervaw l-identità u l-profil uniku tagħhom;

(m) network ta' operaturi taċ-ċinema Ewropej, b'kopertura ġeografika wiesgħa, li juru proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali, li jrawmu r-rwol tat-teatri taċ-ċinema Ewropej fiċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej;

(n) miżuri speċifiċi li jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni aktar ibbilanċjata bejn il-ġeneri fis-settur awdjoviżiv, inklużi studji, mentoraġġ, taħriġ u attivitajiet ta' networking;

(o) appoġġ għal djalogu ta' politika, azzjonijiet innovattivi ta' politika u għall-iskambju tal-aħjar prattiki – inkluż permezz ta' attivitajiet analitiċi u l-forniment ta' data affidabbli;

(p) skambju tranżnazzjonali ta' esperjenzi u għarfien espert, attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari u networking fis-settur awdjoviżiv u fost dawk li jfasslu l-politika.

Subfergħa "Media tal-Aħbarijiet" - Stampa, Ġurnaliżmu u Verifika tal-fatti

Il-prijoritajiet tas-subfergħa"Media tal-Aħbarijiet" imsemmija fl-Artikolu 6 għandhom iqisu l-ħtieġa li jiġu promossi l-libertà tal-media, il-pluraliżmu tal-media u ambjent tal-informazzjoni reżiljenti, filwaqt li jiġu indirizzati l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-soċjetà u tas-suq li jaffettwaw is-settur tal-media tal-aħbarijiet, u għandhom ifittxu li jsaħħu l-aċċess għal informazzjoni affidabbli u

diversa, jappoġġaw is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-ekosistema tal-media tal-aħbarijiet, u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, u għandhom jiġu segwiti permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:

(a) jindirizzaw il-bidliet strutturali u teknoloġiċi li qed jiffaċċja s-settur tal-media permezz tal-promozzjoni ta' ambjent tal-media indipendenti u pluralistiku, inkluż permezz tal-appoġġ ta' monitoraġġ indipendenti għall-valutazzjoni tar-riskji u tal-isfidi għall-pluraliżmu u l-libertà tal-media, u bl-appoġġ ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni;

(b) jappoġġaw l-istandards tal-produzzjoni tal-media ta' kwalità għolja billi jrawmu l-kooperazzjoni, il-ħiliet diġitali, il-ġurnaliżmu kollaborattiv transfruntier u kontenut ta' kwalità, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-etika professjonali fil-ġurnaliżmu;

(c) jippromwovu l-litteriżmu fil-media sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jużaw, u jiżviluppaw komprensjoni kritika tal-media u jappoġġaw il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-iskambji dwar il-politiki u l-prattiki tal-litteriżmu fil-media;

(d) jinkludu miżuri speċifiċi biex jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni aktar ibbilanċjata bejn il-ġeneri fis-settur tal-media tal-aħbarijiet;

(e) isaħħu r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur tal-media tal-aħbarijiet, inkluż il-kapaċità tiegħu li jadatta għall-iżviluppi tas-soċjetà u tas-suq;

(f) jippromwovu ambjent ta' informazzjoni divers, pluralistiku, affidabbli u reżiljenti, li jrawwem il-prominenza u l-aċċess għal informazzjoni affidabbli, parteċipazzjoni pubblika infurmata, prominenza u reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni u theddid ieħor

għall-integrità tal-ekosistema tal-informazzjoni, fost l-oħrajn permezz ta' verifika tal-fatti;

L-entitajiet li jirċievu appoġġ għall-attivitajiet ta' verifika tal-fatti skont il-punt (f) jeħtiġilhom jissodisfaw b'mod kumulattiv il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' eliġibbiltà li ġejjin:

(i) juru mill-inqas ħames snin ta' attività kontinwa esklużivament fil-qasam tal-media, tal-ġurnaliżmu jew tal-verifika tal-fatti;

(ii) jiddivulgaw pubblikament trasparenza sħiħa tal-istruttura ta' governanza tagħhom, is-sorsi kollha ta' finanzjament pubbliku u privat, u l-metodoloġija u l-istandards applikati fit-twettiq ta' dawk l-attivitajiet, inkluži l-mekkaniżmi ta' korrezzjoni;

(iii) juru li mhumiex affiljati direttament jew indirettament ma' partiti politiċi, fondazzjonijiet, jew organizzazzjonijiet li jipparteċipaw f'kampanji elettorali jew promozzjoni partiġġjana. In-nuqqas li tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet ta' hawn fuq għandu jikkostitwixxi raġuni għal rifjut awtomatiku tal-applikazzjoni jew l-irkupru ta' fondi diġà żborżati.

TAQSIMA 3

CERV+

TAQSIMA 4

Prijoritajiet u attivitajiet trażversali u orizzontali. Il-prijoritajiet tal-prijoritajiet u l-attivitajiet trażversali u orizzontali fl-Artikolu 10 għandhom jiġu segwiti permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:

Azzjonijiet ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-politika u sensibilizzazzjoni li:

(a) jappoġġaw l-iżvilupp ta' politika, l-iskambju tranżnazzjonali ta' esperjenzi u għarfien espert, tagħlim bejn il-pari u

attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, networking u djalogu transettorjali regolari fost l-organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi u dawk li jfasslu l-politika;

(b) jappoġġaw attivitajiet transettorjali analitiċi;

(c) jimmiraw li jrawmu l-kooperazzjoni politika transfruntiera u l-iżvilupp tal-politika;

(d) itejbu l-għarfien dwar il-Programm u t-temi li jkopri, irawmu s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini, u jassistu fit-trasferibbiltà tar-riżultati lil hinn mil-livell tal-Istati Membri.

L-azzjonijiet tal-"AgoraEU desks", li għandhom:

(a) jippromwovu l-Programm fil-livell nazzjonali, jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar id-diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli skont il-politika tal-Unjoni, u jassistu lill-operaturi biex japplikaw għal appoġġ skont il-Programm, inkluż billi jinfurmawhom dwar ir-rekwiżiti u l-proċeduri relatati mad-diversi sejħiet għal proposti u billi jikkondividu prattiki tajbin;

(b) jappoġġaw lill-benefiċjarji potenzjali, b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jew lill-entitajiet li joperaw fil-livell lokali, fil-proċessi ta' applikazzjoni u jipprovdu mentoraġġ bejn il-pari lill-parteċipanti ġodda fil-Programm, jistimulaw il-kooperazzjoni transfruntiera u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-professjonisti, l-istituzzjonijiet, il-pjattaformi u n-networks fl-oqsma ta' politika koperti mill-Programm u bejniethom;

(c) jappoġġaw lill-Kummissjoni fl-iżgurar ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni xierqa tar-riżultati tal-Programm liċ-ċittadini u lill-operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi;

(d) Id-Desks tal-Programm għandhom

jiġu ffinanzjati mill-pakketti finanzjarji tal-fergħat rispettivi tal-programm skont il-ħtieġa. Il-Parlament Ewropew jista' jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta dwar il-funzjonament tad-Desks tal-Programm.

Or. en

Emenda 1534
Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness I
	DESKRIZZJONI TAL-AZZJONIJIET TAL-PROGRAMM
	TAQSIMA 1
	Fergħa Kultura - Ewropa Kreattiva
	Il-prijoritajiet tal-fergħa Kultura - Ewropa Kreattiva msemmija fl-Artikolu 4 għandhom jiġu segwiti, inkluż bl-għan li tissaħħaħ iċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej f'ambjent diġitali u multilingwi, u fejn xieraq, permezz tat-traduzzjoni, irrispettivament mit-tip ta' mezz użat, permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom, inklużi rati ta' kofinanzjament possibbilment ogħla għal proġetti fuq skala żgħira, għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:
	Azzjonijiet orizzontali:
	L-azzjonijiet orizzontali għandhom l-għan li jappoġġaw is-setturi kulturali u kreattivi kollha, bl-eċċezzjoni tas-settur awdjoviżiv, biex jindirizzaw l-isfidi komuni li jiffaċċjaw fil-livell Ewropew.
	B'mod partikolari, l-azzjonijiet orizzontali għandhom jikkofinanzjaw proġetti tranżnazzjonali għall-kollaborazzjoni, in-networking, il-mobbiltà u l-internazzjonalizzazzjoni, inkluż permezz

ta' programmi ta' residenza, vjaġġar, avvenimenti, wirjiet u festivals.

L-azzjonijiet orizzontali li ġejjin għandhom jiġu appoġġati skont il-Programm:

(a) proġetti ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi ta' kull daqs, inklużi mikroorganizzazzjonijiet u organizzazzjonijiet ta' daqs żgħir, u minn pajjiżi differenti biex iwettqu attivitajiet settorjali jew transsettorjali;

(b) networks Ewropej ta' organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi minn pajjiżi differenti;

(c) pjattaformi kulturali u kreattivi pan-Ewropej;

(d) il-mobbiltà tranżnazzjonali tal-artisti u tal-operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi, u ċ-ċirkolazzjoni tranżnazzjonali ta' xogħlijiet artistiċi u kulturali;

(e) appoġġ, inkluż f'termini ta' bini tal-kapaċitajiet, għal organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi sabiex jiġu mgħejuna joperaw fil-livell internazzjonali;

(f) żvilupp, kooperazzjoni u implimentazzjoni tal-politika fil-qasam tal-kultura, inkluż permezz tal-forniment ta' data u l-iskambju tal-aħjar prattiki, proġetti pilota u inċentivi biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Azzjonijiet settorjali:

Sabiex jirrispondu għall-ħtiġijiet kondiviżi fl-Unjoni, l-azzjonijiet settorjali li ġejjin għandhom jiġu appoġġati f'dawk is-setturi kulturali u kreattivi li l-ispeċifiċitajiet jew l-isfidi speċifiċi tagħhom jirrikjedu approċċ aktar immirat li jikkomplementa l-azzjonijiet orizzontali:

(a) appoġġ għas-settur tal-kotba u tal-pubblikazzjoni: azzjonijiet immirati li jippromwovu d-diversità, il-kreattività u l-

innovazzjoni, il-promozzjoni tal-letteratura Ewropea bejn il-fruntieri fl-Ewropa u lil hinn minnha, inkluż fil-libreriji, taħriġ u skambji għall-professjonisti fis-settur, l-awturi u t-tradutturi u proġetti tranżnazzjonali għall-kollaborazzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp f' dak is-settur; azzjonijiet immirati li jippromwovu t-traduzzjoni tal-letteratura u, fejn ikun possibbli, l-adattament tal-letteratura f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà;

(b) appoġġ għall-wirt arkitettoniku u kulturali għal ambjent mibni ta' kwalità: azzjonijiet immirati għall-mobbiltà, il-bini tal-kapaċitajiet u l-internazzjonalizzazzjoni tal-operaturi tal-wirt arkitettoniku u kulturali; il-promozzjoni ta' Baukultur, it-tagħlim bejn il-pari u l-involviment tal-udjenza sabiex jinxterdu prinċipji ta' kwalità għolja fl-interventi relatati mal-arkitettura kontemporanja u l-wirt kulturali; appoġġ għas-salvagwardja sostenibbli, ir-riġenerazzjoni u l-użu mill-ġdid adattiv tal-wirt kulturali u l-promozzjoni tal-valuri tiegħu permezz ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet ta' networking;

(c) appoġġ għal setturi oħra ta' kreazzjoni artistika meta jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi, inklużi azzjonijiet immirati għall-iżvilupp tal-aspetti kreattivi tas-setturi tat-turiżmu kulturali sostenibbli u tas-setturi tad-disinn u tal-moda u għall-promozzjoni u r-rappreżentanza ta' dawk is-setturi l-oħra ta' kreazzjoni artistika barra mill-Unjoni.

Azzjonijiet speċjali li għandhom l-għan li jagħmlu d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi Ewropej viżibbli u tanġibbli u li jrawmu d-djalogu interkulturali:

(a) appoġġ finanzjarju għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura;

(b) appoġġ finanzjarju għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u attivitajiet ta' networking bejn is-siti li jingħataw iċ-

Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew;

(c) premjijiet kulturali tal-Unjoni;

(d) Jiem Ewropej tal-Wirt;

(e) appoġġ għal entitajiet kulturali Ewropej bħall-orkestri li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu artisti żgħażagħ b'potenzjali għoli, u li għandhom approċċ inklużiv b'kopertura ġeografika kbira, jew entitajiet li jagħtu servizzi kulturali diretti liċ-ċittadini Ewropej b'kopertura ġeografika kbira.

TAQSIMA 2

Fergħa Kultura - Mużika

L-azzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu appoġġati:

(a) proġetti ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet attivi tul il-katina tal-valur tal-mużika biex irawmu l-ħolqien, il-produzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet mużikali u repertorji Ewropej;

(b) il-ħolqien u l-funzjonament ta' networks Ewropej ta' organizzazzjonijiet tal-mużika, inklużi postijiet, festivals, tikketti, pubblikaturi u assoċjazzjonijiet professjonali, immirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità, il-kooperazzjoni strutturata u r-reżiljenza tas-settur;

(c) appoġġ għall-mobbiltà tranżnazzjonali tal-artisti u tal-professjonisti tal-mużika, inklużi l-ivvjaġġar, ir-residenzi u l-internazzjonalizzazzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-artisti emerġenti u l-gruppi sottorappreżentati;

(d) appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, il-viżibbiltà u l-iskopribbiltà tal-mużika Ewropea, inkluż permezz ta' spettakli diretti, xandir u distribuzzjoni diġitali, bil-ħsieb li jittejjeb l-aċċess għal udjenzi differenti madwar l-Unjoni u lil hinn minnha;

(e) azzjonijiet ta' bini tal-kapaċitajiet għall-operaturi tas-settur tal-mużika, b'mod partikolari organizzazzjonijiet

żgħar u ta' daqs medju u atturi indipendenti, inkluż fir-rigward tal-iżvilupp tal-ħiliet, l-intraprenditorija, it-tranżizzjoni diġitali u l-adattament għall-iżviluppi tas-suq;

(f) appoġġ għal aċċess imtejjeb għall-finanzjament, inklużi proċeduri ta' applikazzjoni ssimplifikati, fejn xieraq proċess ta' applikazzjoni f'żewġ stadji, u kundizzjonijiet ta' finanzjament flessibbli, inkluża l-possibbiltà ta' finanzjament tal-Unjoni sa 100 %;

(g) appoġġ għall-ġbir, l-analiżi u d-disseminazzjoni tad-data, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' Osservatorju Ewropew tal-Mużika, li jikkontribwixxi għat-trasparenza, l-intelliġenza tas-suq u t-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza;

(h) l-iżvilupp tal-politika, il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fis-settur tal-mużika, inklużi inizjattivi li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni, l-aċċessibbiltà, ir-remunerazzjoni ġusta, il-protezzjoni soċjali, il-benesseri mentali u ambjenti tax-xogħol sikuri.

TAQSIMA 3

Fergħa Kultura - MEDIA

Il-prijoritajiet tal-fergħa Kultura - MEDIA msemmija fl-Artikolu 5 għandhom iqisu r-rekwiżiti tad-Direttiva 2010/13/UE u d-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi u l-aċċess għalihom, u d-daqs u l-ispeċifiċitajiet tas-swieq rispettivi tagħhom u d-diversità lingwistika, u għandhom jiġu segwiti permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:

(a) l-iżvilupp ta' xogħlijiet awdjoviżivi minn kumpaniji tal-produzzjoni indipendenti Ewropej, li jkopru varjetà ta' formati (bħal films ċinematografiċi twal, films qosra, serje, dokumentarji u videogames narrattivi) u ġeneri, u mmirati lejn udjenzi differenti, inklużi t-

tfal u ż-żgħażagħ;

(b) il-produzzjoni ta' kontenut televiżiv u ta' rakkontar ta' stejjer f'serje innovattivi u ta' kwalità, li jindirizzaw udjenzi differenti, minn kumpaniji tal-produzzjoni awdjoviżiva Ewropej indipendenti;

(c) għodod ta' promozzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, inkluż online u permezz tal-użu tal-analitika tad-data, biex jiżdiedu l-prominenza, il-viżibbiltà, l-aċċess transfruntier tax-xogħlijiet Ewropej u biex dawn jilħqu udjenzi akbar;

(d) appoġġ għall-bejgħ u ċ-ċirkolazzjoni internazzjonali ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali fuq il-pjattaformi kollha (eż. teatri taċ-ċinema, online) u distributuri u aġenti tal-bejgħ tal-films fl-akkwist, l-adattament, il-promozzjoni u r-rilaxx ta' films Ewropej mhux nazzjonali fis-swali taċ-ċinema u fuq pjattaformi diġitali, immirati kemm lejn produzzjonijiet żgħar kif ukoll ta' daqs kbir, inkluż permezz ta' appoġġ awtomatiku u strateġiji ta' distribuzzjoni kkoordinati li jkopru diversi pajjiżi u l-inkoraġġiment tal-użu tas-sottotitolar, id-doppjaġġ u, fejn applikabbli, għodod ta' deskrizzjoni awdjo;

(e) appoġġ għall-aċċess multilingwi għal programmi televiżivi kulturali online permezz tas-sottotitolar;

(f) appoġġ għal attivitajiet ta' networking għall-professjonisti awdjoviżivi, inklużi l-kreaturi, u l-iskambji bejn in-negozji biex jitrawmu u jiġu promossi t-talenti fis-settur awdjoviżiv Ewropew, u biex jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' kokreazzjonijiet u koproduzzjonijiet Ewropej u internazzjonali;

(g) appoġġ għall-attivitajiet tal-operaturi awdjoviżivi Ewropej f'avvenimenti u fieri industrijali fl-Ewropa u lil hinn minnha;

(h) appoġġ għall-viżibbiltà u d-diffużjoni ta' films u kreazzjonijiet awdjoviżivi Ewropej mmirati lejn udjenzi Ewropej

wesgħin lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, speċjalment iż-żgħażagħ u l-multiplikaturi, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' wiri, komunikazzjoni, disseminazzjoni u promozzjoni b'appoġġ għall-Premjijiet Ewropej, b'mod partikolari "LUX - il-Premju Ċinematografiku Ewropew tal-Pubbliku mogħti mill-Parlament Ewropew u l-Akkademja Ewropea taċ-Ċinema".

(i) inizjattivi li jippromwovu l-ilħuq ta' udjenzi ġodda u l-involviment tal-pubbliku, inklużi attivitajiet ta' edukazzjoni ċinematografika, li jindirizzaw b'mod partikolari lil udjenzi żgħażagħ;

(j) attivitajiet ta' taħriġ u ta' mentoraġġ biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-professjonisti awdjoviżivi li jadattaw għal proċessi kreattivi ġodda, żviluppi tas-suq u teknoloġiji diġitali li jaffettwaw il-katina tal-valur kollha inkluż permezz ta' miżuri mmirati bħal residenzi, skemi ta' mobbiltà, formati ta' tagħlim bejn il-pari u ta' skambju, mentoraġġ, pjattaformi ta' networking u azzjonijiet personalizzati ta' bini tal-kapaċitajiet, bil-ħsieb li l-ħallieqa u d-diretturi tal-films ikunu jistgħu jiżviluppaw il-proġetti tagħhom, jikkondividu l-esperjenzi — inkluż dwar kwistjonijiet bħall-awtoċensura — jibbenefikaw minn tagħlim reċiproku, u jsaħħu l-ħiliet tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tat-teknoloġiji emerġenti u l-użu responsabbli tagħhom;

(k) network jew networks tal-operaturi ta' Video on Demand Ewropej, li juru proporzjon sinifikanti ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali;

(l) festivals Ewropej u networks ta' festivals Ewropej jew networks ta' festivals Ewropej li juru proporzjon sinifikanti ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali, filwaqt li jippreżervaw l-identità u l-profil uniku tagħhom;

(m) network ta' operaturi taċ-ċinema Ewropej, b'kopertura ġeografika wiesgħa, li juru proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali, irawmu r-rwol tat-teatri taċ-ċinema Ewropej fiċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u jiżguraw li l-operaturi taċ-ċinema jirċievu appoġġ finanzjarju suffiċjenti u inċentivi biex jipprogrammaw u juru dawk il-films;

(n) miżuri speċifiċi li jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni aktar ibbilanċjata bejn il-ġeneri fis-settur awdjoviżiv, inklużi studji, mentoraġġ, taħriġ u attivitajiet ta' networking;

(o) appoġġ għal djalogu ta' politika, azzjonijiet innovattivi ta' politika u għall-iskambju tal-aħjar prattiki – inkluż permezz ta' attivitajiet analitiċi u l-forniment ta' data affidabbli;

(p) skambju tranżnazzjonali ta' esperjenzi u għarfien espert, attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari u networking fis-settur awdjoviżiv u fost dawk li jfasslu l-politika.

TAQSIMA 4

Fergħa Informazzjoni u Ġurnaliżmu

Attivitajiet u azzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu appoġġati dment li jikkontribwixxu għal:

(a) il-protezzjoni tal-ġurnalisti, il-professjonisti tal-media u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(b) il-protezzjoni u l-promozzjoni ta' ekosistema tal-informazzjoni sikura, vijabbli, indipendenti, diversa u demokratika;

(c) il-produzzjoni ta' kontenut ġurnalistiku;

(d) id-distribuzzjoni u l-aċċess għall-kontenut;

(e) il-promozzjoni tat-trasformazzjoni u l-innovazzjoni diġitali;

(f) it-tisħiħ tal-media lokali, id-diversità u l-inklużjoni;

(g) il-promozzjoni tal-litteriżmu medjatiku, informattiv u diġitali;

(h) il-garanzija tar-rispett għall-indipendenza editorjali u l-istandards professjonali.

TAQSIMA 5

Attivitajiet eliġibbli skont il-fergħa CERV+

L-objettivi u l-prijoritajiet ġenerali u speċifiċi tal-fergħa CERV+ imsemmija fl-Artikoli 7 sa 9 għandhom jiġu segwiti b'mod partikolari billi jiġu appoġġati l-attivitajiet li ġejjin:

a) l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi gruppi ta' riflessjoni u partijiet ikkonċernati mingħajr skop ta' qligħ attivi fl-oqsma koperti mill-Programm biex iwettqu attivitajiet ta' promozzjoni, litigazzjoni strateġika, kampanji, komunikazzjoni u attivitajiet ta' sorveljanza, biex jippromwovu d-drittijiet u l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, u b'hekk jissaħħu wkoll il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni u r-rispett għall-istat tad-dritt, u jingħata kontribut għad-djalogu demokratiku, it-trasparenza u l-governanza tajba, inkluż f'każijiet ta' spazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili;

b) l-appoġġ għall-ħolqien ta' mekkaniżmu tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-atturi tas-soċjetà ċivili f'riskju li kapaċi jiżborżaw malajr finanzjament biex jaċċessaw is-servizzi ta' protezzjoni;

c) it-trawwim tal-involviment ċiviku u demokratiku u jtejbu l-approċċi minn isfel għal fuq billi jitlaqqgħu flimkien ċittadini ta' nazzjonalitajiet u kulturi differenti biex jipparteċipaw f'attivitajiet ta' ġemellaġġ tal-bliet u fi proġetti tas-soċjetà ċivili;

d) iż-żieda tal-għarfien fost iċ-ċittadini, speċjalment iż-żgħażagħ, tal-kultura, il-wirt kulturali, l-identità u l-istorja

Ewropea, inkluż fir-rigward tar-reġimi totalitarji u awtoritarji u episodji oħra li sawru l-istorja Ewropea reċenti, sabiex jissaħħu l-kommemorazzjoni u l-impenn taċ-ċittadini Ewropej lejn l-Unjoni u biex jitħeġġu t-tolleranza, il-komprensjoni reċiproka, id-djalogu interkulturali u r-rispett għad-diversità;

e) l-appoġġ għall-attivitajiet u t-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex joħolqu sensibilizzazzjoni, jippromwovu u jxerrdu l-informazzjoni, kif ukoll, jiġġieldu d-diżinformazzjoni matul l-attivitajiet xierqa ta' verifika tal-fatti, fl-oqsma u l-objettivi koperti mill-Programm sabiex jittejjeb l-għarfien dwar id-drittijiet u l-valuri u l-politiki relatati;

f) l-appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet u l-attivitajiet ta' tagħlim reċiproku fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati biex itejbu l-għarfien u l-fehim reċiproku, iżidu l-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu, u jiżguraw aċċess adegwat għaċ-ċittadini kollha għas-servizzi, l-attivitajiet ta' konsulenza u l-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom;

g) l-appoġġ għall-ġbir ta' data u statistika, l-iżvilupp ta' metodoloġiji, indikaturi u parametri referenzjarji komuni, it-twettiq ta' attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ, studji u riċerka, u l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv biex jittejjeb il-fehim tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni fl-oqsma koperti mill-Programm kif ukoll biex tittejjeb l-implimentazzjoni tad-dritt, il-politiki u l-valuri tal-Unjoni fl-Istati Membri, l-istudji, ir-riċerka, l-analiżijiet u l-istħarriġ; evalwazzjonijiet; valutazzjoni tal-impatt;

h) il-finanzjament tal-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/788, u b'hekk jirfed l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini li jniedu u jappoġġaw inizjattivi taċ-ċittadini

Ewropej; it-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jittejjeb l-għarfien tal-politiki u d-drittijiet fl-oqsma koperti mill-Programm;

(i) is-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fl-oqsma u l-objettivi koperti mill-fergħa sabiex jittejjeb l-għarfien tal-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u l-politiki relatati;

(j) it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba fost il-partijiet ikkonċernati biex jittejbu l-għarfien u l-fehim reċiproku;

(k) attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ biex jittejjeb il-fehim tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni fl-oqsma koperti mill-fergħa kif ukoll biex tittejjeb l-implimentazzjoni tad-dritt, il-politiki u l-valuri tal-Unjoni fl-Istati Membri, bħal attivitajiet li jinkludu l-ġbir ta' data u statistika diżaggregati; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, ta' indikaturi jew ta' punti ta' riferiment, studji, riċerka, analiżijiet u stħarriġ, evalwazzjonijiet, valutazzjonijiet tal-impatt, u l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv;

(l) it-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jittejjeb l-għarfien tal-politiki u d-drittijiet fl-oqsma koperti mill-fergħa;

(m) sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu, u li jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess adegwat għas-servizzi, għall-attivitajiet ta' konsulenza u għall-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom:

(n) l-inkoraġġiment u l-iffaċilitar ta' parteċipazzjoni attiva u inklużiva fil-bini ta' Unjoni aktar demokratika, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni għad-drittijiet u l-valuri permezz tal-għoti ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

TAQSIMA 6

Fergħa Daphne

Attivitajiet u azzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu appoġġati dment li jikkontribwixxu għal:

(a) is-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fl-oqsma u l-objettivi koperti mill-fergħa sabiex jittejjeb l-għarfien tal-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u l-politiki relatati;

(b) it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba fost il-partijiet ikkonċernati biex jittejbu l-għarfien u l-fehim reċiproku;

(c) attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ biex jittejjeb il-fehim tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni fl-oqsma koperti mill-fergħa kif ukoll biex tittejjeb l-implimentazzjoni tad-dritt, il-politiki u l-valuri tal-Unjoni fl-Istati Membri, bħal attivitajiet li jinkludu l-ġbir ta' data u statistika diżaggregati; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, ta' indikaturi jew ta' punti ta' riferiment, studji, riċerka, analiżijiet u stħarriġ, evalwazzjonijiet, valutazzjonijiet tal-impatt, u l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv;

(d) it-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jittejjeb l-għarfien tal-politiki u d-drittijiet fl-oqsma koperti mill-fergħa;

(e) l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

(f) l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi oħra tal-ispazju ċiviku attivi fl-oqsma koperti mill-fergħa;

(i) sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu, u li jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess adegwat għas-servizzi, għall-attivitajiet ta' konsulenza u għall-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom:

(ii) sabiex iwettqu attivitajiet li jippromwovu d-drittijiet, biex b'hekk ukoll jissaħħu l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-

valuri tal-Unjoni u r-rispett għall-istat tad-dritt, u jingħata kontribut għad-djalogu demokratiku, it-trasparenza u l-governanza tajba, inkluż f'każijiet ta' spazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili;

(g) l-inkoraġġiment u l-iffaċilitar ta' parteċipazzjoni attiva u inklużiva fil-bini ta' Unjoni aktar demokratika, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni għad-drittijiet u l-valuri permezz tal-għoti ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(h) l-iżvilupp tal-kapaċità tal-atturi tal-ispazju ċiviku li jippromwovu, jimmonitorjaw u jiżviluppaw aktar id-dritt, il-valuri, l-għanijiet ta' politika u l-istrateġiji tal-Unjoni.

TAQSIMA 7

Fergħa Valuri tal-Unjoni

Attivitajiet u azzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu appoġġati dment li jikkontribwixxu għal:

(a) il-garanzija tar-reżiljenza tal-ispazju ċiviku;

(b) l-għoti ta' appoġġ olistiku, indipendenti u immedjat kontra attakki u theddid minn atturi ostili li jfittxu li jimminaw il-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE.

Or. en

Emenda 1535
Joanna Scheuring-Wielgus

Proposta għal regolament
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(f) l-appoġġ għal attivitajiet ta' networking għall-professjonisti awdjoviżivi, inklużi l-kreaturi, u skambji bejn in-negozji permezz ta' kooperazzjoni u skambju ta' prattiki tajba fil-livell tal-

Unjoni appoġġ kemm għan-networks speċifiċi għas-settur kif ukoll għal dawk transsettorjali ta' partijiet ikkonċernati ċinematografiċi u awdjoviżivi (eż. networks ta' kittieba tal-iskripts, diretturi, produtturi, distributuri, aġenti tal-bejgħ, operaturi taċ-ċinema) biex jitrawwem u jiġi promoss it-talent fis-settur awdjoviżiv Ewropew u jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' kokreazzjonijiet u koproduzzjonijiet Ewropej u internazzjonali;

(i,a) inizjattivi mmirati speċifikament lejn attivitajiet ta' edukazzjoni dwar il-films, li jindirizzaw b'mod partikolari udjenzi żgħażagħ;

(i,b) inizjattivi mmirati speċifikament biex jappoġġaw il-preżervazzjoni, id-disponibbiltà u ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet ta' wirt ċinematografiku u awdjoviżiv;

(j) attivitajiet ta' taħriġ u ta' mentoraġġ biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-professjonisti awdjoviżivi li jadattaw għal proċessi kreattivi ġodda, żviluppi tas-suq u teknoloġiji diġitali li jaffettwaw il-katina tal-valur kollha inkluż permezz ta' miżuri mmirati bħal residenzi, skemi ta' mobbiltà, formati ta' tagħlim bejn il-pari u ta' skambju, mentoraġġ, pjattaformi ta' networking u azzjonijiet personalizzati ta' bini tal-kapaċitajiet, bil-ħsieb li l-professonisti tal-films u dawk awdjoviżi kollha, inklużi l-kreaturi u d-diretturi tal-films ikunu jistgħu jiżviluppaw il-proġetti tagħhom, jikkondividu l-esperjenzi — inkluż dwar kwistjonijiet bħall-awtoċensura — jibbenefikaw minn tagħlim reċiproku, u jsaħħu l-ħiliet tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tat-teknoloġiji emerġenti u l-użu responsabbli tagħhom;

(k, a) networks ta' professjonisti tal-films Ewropej, inklużi kreaturi, produtturi, distributuri, aġenti tal-bejgħ u operaturi taċ-ċinema, li jrawmu l-iskambju tal-għarfien, prattiki tajbin u kollaborazzjoni

interprofessjonali;

(m) network ta' operaturi taċ-ċinema Ewropej, b'kopertura ġeografika wiesgħa, li juru proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali, irawmu r-rwol tat-teatri taċ-ċinema Ewropej fiċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u jiżguraw li l-operaturi taċ-ċinema jirċievu appoġġ finanzjarju suffiċjenti u inċentivi biex jipprogrammaw u juru dawk il-films. Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll miżuri ta' appoġġ addizzjonali għaċ-ċinemas barra min-network li jikkontribwixxu b'mod ċar għaċ-ċirkolazzjoni, il-promozzjoni u l-iżvilupp tal-udjenza ta' xogħlijiet Ewropej.

Or. en

Emenda 1536
Łukasz Kohut

Proposta għal regolament
Anness I

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness I
	DESKRIZZJONI TAL-AZZJONIJIET TAL-PROGRAMM
	TAQSIMA 1
	Fergħa Kultura - Ewropa Kreattiva
	Il-prijoritajiet tal-fergħa Kultura - Ewropa Kreattiva msemmija fl-Artikolu 4 għandhom jiġu segwiti, inkluż bl-għan li tissaħħaħ iċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej f'ambjent diġitali u multilingwi, u fejn xieraq, permezz tat-traduzzjoni, irrispettivament mit-tip ta' mezz użat, permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom, inklużi rati ta' kofinanzjament possibbilment ogħla għal proġetti fuq skala żgħira, għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:

Azzjonijiet orizzontali:

L-azzjonijiet orizzontali għandhom l-għan li jappoġġaw is-setturi kulturali u kreattivi kollha, bl-eċċezzjoni tas-settur awdjoviżiv, biex jindirizzaw l-isfidi komuni li jiffaċċjaw fil-livell Ewropew.

B'mod partikolari, l-azzjonijiet orizzontali għandhom jikkofinanzjaw proġetti tranżnazzjonali għall-kollaborazzjoni, in-networking, il-mobbiltà u l-internazzjonalizzazzjoni, inkluż permezz ta' programmi ta' residenza, vjaġġar, avvenimenti, wirjiet u festivals.

L-azzjonijiet orizzontali li ġejjin għandhom jiġu appoġġati skont il-Programm:

(a) proġetti ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi ta' kull daqs, inklużi organizzazzjonijiet mikro u organizzazzjonijiet ta' daqs żgħir, u minn pajjiżi differenti biex iwettqu attivitajiet settorjali jew transsettorjali;

(b) networks Ewropej ta' organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi minn pajjiżi differenti;

(c) pjattaformi kulturali u kreattivi pan-Ewropej; (d) il-mobbiltà tranżnazzjonali tal-artisti u tal-operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi, u ċ-ċirkolazzjoni tranżnazzjonali ta' xogħlijiet artistiċi u kulturali;

(e) appoġġ, inkluż f'termini ta' bini tal-kapaċitajiet, għal organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi sabiex jiġu mgħejuna joperaw fil-livell internazzjonali;

(f) żvilupp, kooperazzjoni u implimentazzjoni tal-politika fil-qasam tal-kultura, inkluż permezz tal-forniment ta' data u l-iskambju tal-aħjar prattiki, proġetti pilota u inċentivi biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Azzjonijiet settorjali:

Sabiex jirrispondu għall-ħtiġijiet kondiviżi fl-Unjoni, l-azzjonijiet settorjali li ġejjin għandhom jiġu appoġġati f'dawk is-setturi kulturali u kreattivi li l-ispeċifiċitajiet jew l-isfidi speċifiċi tagħhom jirrikjedu approċċ aktar immirat li jikkomplementa l-azzjonijiet orizzontali:

(a) appoġġ għas-settur tal-kotba u tal-pubblikazzjoni: azzjonijiet immirati li jippromwovu d-diversità, il-kreattività u l-innovazzjoni, il-promozzjoni tal-letteratura Ewropea bejn il-fruntieri fl-Ewropa u lil hinn minnha, inkluż fil-libreriji, taħriġ u skambji għall-professjonisti fis-settur, l-awturi u t-tradutturi u proġetti tranżnazzjonali għall-kollaborazzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp f' dak is-settur; azzjonijiet immirati li jippromwovu t-traduzzjoni tal-letteratura u, fejn ikun possibbli, l-adattament tal-letteratura f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà;

(b) appoġġ għall-wirt arkitettoniku u kulturali għal ambjent mibni ta' kwalità: azzjonijiet immirati għall-mobbiltà, il-bini tal-kapaċitajiet u l-internazzjonalizzazzjoni tal-operaturi tal-wirt arkitettoniku u kulturali; il-promozzjoni ta' Baukultur, it-tagħlim bejn il-pari u l-involviment tal-udjenza sabiex jinxterdu prinċipji ta' kwalità għolja fl-interventi relatati mal-arkitettura kontemporanja u l-wirt kulturali; appoġġ għas-salvagwardja sostenibbli, ir-riġenerazzjoni u l-użu mill-ġdid adattiv tal-wirt kulturali u l-promozzjoni tal-valuri tiegħu permezz ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet ta' networking;

(c) appoġġ għal setturi oħra ta' kreazzjoni artistika meta jiġu identifikati ħtiġijiet speċifiċi, inklużi azzjonijiet immirati għall-iżvilupp tal-aspetti kreattivi tas-setturi tat-turiżmu kulturali sostenibbli u tas-setturi tad-disinn u tal-moda u għall-promozzjoni u r-rappreżentanza ta' dawk

is-setturi l-oħra ta' kreazzjoni artistika barra mill-Unjoni.

Azzjonijiet speċjali li għandhom l-għan li jagħmlu d-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi Ewropej viżibbli u tanġibbli u li jrawmu d-djalogu interkulturali:

(a) appoġġ finanzjarju għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura;

(b) appoġġ finanzjarju għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u attivitajiet ta' networking bejn is-siti li jingħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew;

(c) premjijiet kulturali tal-Unjoni;

(d) Jiem Ewropej tal-Wirt;

(e) appoġġ għal entitajiet kulturali Ewropej bħall-orkestri li għandhom l-għan li jħarrġu u jippromwovu artisti żgħażagħ b'potenzjali għoli, u li għandhom approċċ inklużiv b'kopertura ġeografika kbira, jew entitajiet li jagħtu servizzi kulturali diretti liċ-ċittadini Ewropej b'kopertura ġeografika kbira.

TAQSIMA 2

Fergħa Kultura - Mużika

L-azzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu appoġġati:

(a) proġetti ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet attivi fis-settur tal-mużika biex irawmu l-kreazzjoni, il-produzzjoni, iċ-ċirkolazzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet, repertorji u attivitajiet mużikali Ewropej;

(b) networks Ewropej ta' organizzazzjonijiet mużikali mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità, il-kooperazzjoni strutturata u r-reżiljenza tas-settur;

(c) appoġġ għall-mobbiltà tranżnazzjonali tal-artisti, tal-gruppi tal-mużika u tal-ensembles kif ukoll tal-professjonisti tal-mużika, inklużi l-ivvjaġġar, ir-residenzi u l-attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-artisti

emerġenti u l-gruppi sottorappreżentati;

(d) appoġġ għaċ-ċirkolazzjoni, il-viżibbiltà u l-iskopribbiltà tal-mużika Ewropea, inkluż permezz ta' spettakli diretti, xandir u distribuzzjoni diġitali, bil-ħsieb li jittejjeb l-aċċess għal udjenzi differenti madwar l-Unjoni u lil hinn minnha;

(e) azzjonijiet ta' bini tal-kapaċitajiet għall-operaturi tas-settur tal-mużika, b'mod partikolari organizzazzjonijiet żgħar u ta' daqs medju u atturi indipendenti, inkluż fir-rigward tal-iżvilupp tal-ħiliet, l-intraprenditorija, ir-reżiljenza tal-aċċessibbiltà, it-tranżizzjoni diġitali u l-adattament għall-iżviluppi tas-suq;

(f) appoġġ għal aċċess imtejjeb għall-finanzjament, inklużi proċeduri ta' applikazzjoni ssimplifikati, fejn xieraq proċess ta' applikazzjoni f'żewġ stadji, u kundizzjonijiet ta' finanzjament flessibbli, inkluża l-possibbiltà ta' finanzjament tal-Unjoni sa 100 %;

(g) appoġġ għall-ġbir, l-analiżi u d-disseminazzjoni tad-data, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' Osservatorju Ewropew tal-Mużika, li jikkontribwixxi għat-trasparenza, l-intelliġenza tas-suq u t-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza;

(h) l-iżvilupp tal-politika, il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fis-settur tal-mużika, inklużi inizjattivi li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni, l-aċċessibbiltà, ir-remunerazzjoni ġusta, il-protezzjoni soċjali, il-benesseri mentali u ambjenti tax-xogħol sikuri.

TAQSIMA 3

Fergħa Kultura - MEDIA

Il-prijoritajiet tal-fergħa Kultura - MEDIA msemmija fl-Artikolu 5 għandhom iqisu r-rekwiżiti tad-Direttiva 2010/13/UE u d-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi u l-aċċess għalihom, u d-daqs u l-ispeċifiċitajiet tas-

swieq rispettivi tagħhom u d-diversità lingwistika, u għandhom jiġu segwiti permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom għandhom jiġu definiti fil-programmi ta' ħidma:

(a) l-iżvilupp ta' xogħlijiet awdjoviżivi minn kumpaniji tal-produzzjoni indipendenti Ewropej, li jkopru varjetà ta' formati (bħal films ċinematografiċi twal, films qosra, serje, dokumentarji u videogames narrattiv) u ġeneri, u mmirati lejn udjenzi differenti, inklużi t-tfal u ż-żgħażagħ;

(b) il-produzzjoni ta' kontenut televiżiv u ta' rakkontar ta' stejjer f'serje innovattivi u ta' kwalità, li jindirizzaw udjenzi differenti, minn kumpaniji tal-produzzjoni awdjoviżiva Ewropej indipendenti;

(c) għodod ta' promozzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, inkluż online u permezz tal-użu tal-analitika tad-data, biex jiżdiedu l-prominenza, il-viżibbiltà, l-aċċess transfruntier tax-xogħlijiet Ewropej u biex dawn jilħqu udjenzi akbar;

(d) l-appoġġ għall-bejgħ u ċ-ċirkolazzjoni internazzjonali ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali fuq il-pjattaformi kollha (eż. teatri taċ-ċinema, online) u distributuri u aġenti tal-bejgħ tal-films fl-akkwist, l-adattament, il-promozzjoni u r-rilaxx ta' films Ewropej mhux nazzjonali fis-swali taċ-ċinema u fuq pjattaformi diġitali, immirati kemm lejn produzzjonijiet żgħar kif ukoll ta' daqs kbir, inkluż permezz ta' appoġġ awtomatiku u strateġiji ta' distribuzzjoni kkoordinati li jkopru diversi pajjiżi u l-inkoraġġiment tal-użu tas-sottotitolar, id-doppjaġġ u, fejn applikabbli, għodod ta' deskrizzjoni awdjo;

(e) appoġġ għall-aċċess multilingwi għal programmi televiżivi kulturali online permezz tas-sottotitolar;

(f) l-appoġġ għal attivitajiet ta' networking għall-professjonisti

awdjoviżivi, inklużi l-kreaturi, u l-iskambji bejn in-negozji biex jitrawmu u jiġu promossi t-talenti fis-settur awdjoviżiv Ewropew, u biex jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' kokreazzjonijiet u koproduzzjonijiet Ewropej u internazzjonali;

(g) appoġġ għall-attivitajiet tal-operaturi awdjoviżivi Ewropej f'avvenimenti u fieri industrijali fl-Ewropa u lil hinn minnha;

(h) appoġġ għall-viżibbiltà u d-diffużjoni ta' films u kreazzjonijiet awdjoviżivi Ewropej mmirati lejn udjenzi Ewropej wesgħin lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, speċjalment iż-żgħażagħ u l-multiplikaturi, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' wiri, komunikazzjoni, disseminazzjoni u promozzjoni b'appoġġ għall-Premjijiet Ewropej, b'mod partikolari "LUX - il-Premju Ċinematografiku Ewropew tal-Pubbliku mogħti mill-Parlament Ewropew u l-Akkademja Ewropea taċ-Ċinema".

(i) inizjattivi li jippromwovu l-ilħuq ta' udjenzi ġodda u l-involviment tal-pubbliku, inklużi attivitajiet ta' edukazzjoni ċinematografika, li jindirizzaw b'mod partikolari lil udjenzi żgħażagħ;

(j) attivitajiet ta' taħriġ u ta' mentoraġġ biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-professjonisti awdjoviżivi li jadattaw għal proċessi kreattivi ġodda, żviluppi tas-suq u teknoloġiji diġitali li jaffettwaw il-katina tal-valur kollha inkluż permezz ta' miżuri mmirati bħal residenzi, skemi ta' mobbiltà, formati ta' tagħlim bejn il-pari u ta' skambju, mentoraġġ, pjattaformi ta' networking u azzjonijiet personalizzati ta' bini tal-kapaċitajiet, bil-ħsieb li l-ħallieqa u d-diretturi tal-films ikunu jistgħu jiżviluppaw il-proġetti tagħhom, jikkondividu l-esperjenzi — inkluż dwar kwistjonijiet bħall-awtoċensura — jibbenefikaw minn tagħlim reċiproku, u jsaħħu l-ħiliet tagħhom, b'mod partikolari

fir-rigward tat-teknoloġiji emerġenti u l-użu responsabbli tagħhom;

(k) network jew networks tal-operaturi ta' Video on Demand Ewropej, li juru proporzjon sinifikanti ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali;

(l) festivals Ewropej u networks ta' festivals Ewropej jew networks ta' festivals Ewropej li juru proporzjon sinifikanti ta' xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali, filwaqt li jippreżervaw l-identità u l-profil uniku tagħhom;

(m) network ta' operaturi taċ-ċinema Ewropej, b'kopertura ġeografika wiesgħa, li juru proporzjon sinifikanti ta' films Ewropej mhux nazzjonali, irawmu r-rwol tat-teatri taċ-ċinema Ewropej fiċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u jiżguraw li l-operaturi taċ-ċinema jirċievu appoġġ finanzjarju suffiċjenti u inċentivi biex jipprogrammaw u juru dawk il-films;

(n) miżuri speċifiċi li jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni aktar ibbilanċjata bejn il-ġeneri fis-settur awdjoviżiv, inklużi studji, mentoraġġ, taħriġ u attivitajiet ta' networking;

(o) appoġġ għal djalogu ta' politika, azzjonijiet innovattivi ta' politika u għall-iskambju tal-aħjar prattiki – inkluż permezz ta' attivitajiet analitiċi u l-forniment ta' data affidabbli;

(p) skambju tranżnazzjonali ta' esperjenzi u għarfien espert, attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari u networking fis-settur awdjoviżiv u fost dawk li jfasslu l-politika.

TAQSIMA 4

Fergħa Informazzjoni u Ġurnaliżmu

Attivitajiet u azzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu appoġġati dment li jikkontribwixxu għal:

(a) il-protezzjoni tal-ġurnalisti, il-professjonisti tal-media u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(b) il-protezzjoni u l-promozzjoni ta' ekosistema tal-informazzjoni sikura, vijabbli, indipendenti, diversa u demokratika;

(c) il-produzzjoni ta' kontenut ġurnalistiku;

(d) id-distribuzzjoni u l-aċċess għall-kontenut;

(e) il-promozzjoni tat-trasformazzjoni u l-innovazzjoni diġitali;

(f) it-tisħiħ tal-media lokali, id-diversità u l-inklużjoni;

(g) il-promozzjoni tal-litteriżmu medjatiku, informattiv u diġitali;

(h) il-garanzija tar-rispett għall-indipendenza editorjali u l-istandards professjonali.

TAQSIMA 5

Fergħa CERV+

Attivitajiet u azzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu appoġġati dment li jikkontribwixxu għal:

(a) is-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fl-oqsma u l-objettivi koperti mill-fergħa sabiex jittejjeb l-għarfien tal-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u l-politiki relatati;

(b) it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba fost il-partijiet ikkonċernati biex jittejbu l-għarfien u l-fehim reċiproku;

(c) attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ biex jittejjeb il-fehim tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni fl-oqsma koperti mill-fergħa kif ukoll biex tittejjeb l-implimentazzjoni tad-dritt, il-politiki u l-valuri tal-Unjoni fl-Istati Membri, bħal attivitajiet li jinkludu l-ġbir ta' data u statistika diżaggregati; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, ta' indikaturi jew ta' punti ta' riferiment, studji, riċerka, analiżijiet u

stħarriġ, evalwazzjonijiet, valutazzjonijiet tal-impatt, u l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv;

(d) it-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jittejjeb l-għarfien tal-politiki u d-drittijiet fl-oqsma koperti mill-fergħa;

(e) l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

(f) l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi oħra tal-ispazju ċiviku attivi fl-oqsma koperti mill-fergħa;

(i) sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu, u li jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess adegwat għas-servizzi, għall-attivitajiet ta' konsulenza u għall-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom:

(ii) sabiex iwettqu attivitajiet li jippromwovu d-drittijiet, biex b'hekk ukoll jissaħħu l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni u r-rispett għall-istat tad-dritt, u jingħata kontribut għad-djalogu demokratiku, it-trasparenza u l-governanza tajba, inkluż f'każijiet ta' spazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili;

(g) l-inkoraġġiment u l-iffaċilitar ta' parteċipazzjoni attiva u inklużiva fil-bini ta' Unjoni aktar demokratika, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni għad-drittijiet u l-valuri permezz tal-għoti ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(h) l-iżvilupp tal-kapaċità tal-atturi tal-ispazju ċiviku biex jippromwovu, jimmonitorjaw u jiżviluppaw aktar id-dritt, il-valuri, l-għanijiet ta' politika u l-istrateġiji tal-Unjoni;

(i) il-finanzjament tal-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/788, u b'hekk jirfed l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini li jniedu u jappoġġaw inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej.

TAQSIMA 6

Fergħa Daphne

Attivitajiet u azzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu appoġġati dment li jikkontribwixxu għal:

(a) is-sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni fl-oqsma u l-objettivi koperti mill-fergħa sabiex jittejjeb l-għarfien tal-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u l-politiki relatati;

(b) it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba fost il-partijiet ikkonċernati biex jittejbu l-għarfien u l-fehim reċiproku;

(c) attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ biex jittejjeb il-fehim tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni fl-oqsma koperti mill-fergħa kif ukoll biex tittejjeb l-implimentazzjoni tad-dritt, il-politiki u l-valuri tal-Unjoni fl-Istati Membri, bħal attivitajiet li jinkludu l-ġbir ta' data u statistika diżaggregati; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, ta' indikaturi jew ta' punti ta' riferiment, studji, riċerka, analiżijiet u stħarriġ, evalwazzjonijiet, valutazzjonijiet tal-impatt, u l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv;

(d) it-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jittejjeb l-għarfien tal-politiki u d-drittijiet fl-oqsma koperti mill-fergħa;

(e) l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;

(f) l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u atturi oħra tal-ispazju ċiviku attivi fl-oqsma koperti mill-fergħa;

(i) sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu, u li jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess adegwat għas-servizzi, għall-attivitajiet ta' konsulenza u għall-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom:

(ii) sabiex iwettqu attivitajiet li jippromwovu d-drittijiet, biex b'hekk ukoll

jissaħħu l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni u r-rispett għall-istat tad-dritt, u jingħata kontribut għad-djalogu demokratiku, it-trasparenza u l-governanza tajba, inkluż f'każijiet ta' spazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili;

(g) l-inkoraġġiment u l-iffaċilitar ta' parteċipazzjoni attiva u inklużiva fil-bini ta' Unjoni aktar demokratika, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni għad-drittijiet u l-valuri permezz tal-għoti ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(h) l-iżvilupp tal-kapaċità tal-atturi tal-ispazju ċiviku li jippromwovu, jimmonitorjaw u jiżviluppaw aktar id-dritt, il-valuri, l-għanijiet ta' politika u l-istrateġiji tal-Unjoni.

TAQSIMA 7

Fergħa Valuri tal-Unjoni

Attivitajiet u azzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu appoġġati dment li jikkontribwixxu għal:

(a) il-garanzija tar-reżiljenza tal-ispazju ċiviku;

(b) l-għoti ta' appoġġ olistiku, indipendenti u immedjat kontra attakki u theddid minn atturi ostili li jfittxu li jimminaw il-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE.

Or. en

Emenda 1537
Alice Kuhnke, Emma Rafowicz

Proposta għal regolament
Anness II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness II
	INDIKATURI
	Fergħa Kultura - Ewropa Kreattiva
	L-għadd u l-iskala ta' sħubijiet

tranżnazzjonali maħluqa bl-appoġġ tal-Programm, li jindikaw il-pajjiż ta' oriġini tal-benefiċjarju.

L-għadd ta' artisti u operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi li marru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali minħabba l-appoġġ riċevut, li jindika l-pajjiż ta' oriġini u l-proporzjon ta' nisa.

L-għadd ta' persuni li jkunu aċċessaw xogħlijiet kulturali u kreattivi Ewropej appoġġati mill-Programm, inklużi xogħlijiet minn pajjiżi għajr tagħhom stess.

L-għadd ta' proġetti appoġġati mill-Programm indirizzati lill-komunitajiet lokali u lill-gruppi soċjalment emarġinati.

L-għadd ta' proġetti appoġġati mill-Programm li jinvolvu organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi.

Fergħa Kultura - Mużika:

L-għadd ta' persuni li attendew avveniment dirett appoġġat permezz tal-fergħa.

L-għadd ta' inizjattivi itineranti u festivals appoġġati permezz tal-fergħa.

L-għadd ta' persuni milħuqa minn attivitajiet promozzjonali minn negozju għal negozju fi swieq ewlenin.

L-għadd ta' ċentri appoġġati permezz tal-fergħa.

L-għadd ta' proġetti appoġġati permezz tal-fergħa indirizzati lill-komunitajiet lokali u lill-gruppi soċjalment emarġinati.

L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' apprendiment appoġġati permezz tal-fergħa li vvalutaw li tejbu l-kompetenzi tagħhom u żiedu l-impjegabbiltà tagħhom, li jindika l-proporzjon ta' nisa.

Evidenza kwalitattiva ta' stejjer ta' suċċess fl-oqsma tal-innovazzjoni artistika, kummerċjali u teknoloġika minħabba l-appoġġ riċevut permezz tal-fergħa.

Fergħa Kultura - MEDIA:

L-għadd ta' persuni li aċċessaw xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej appoġġati permezz tal-fergħa minn pajjiżi li mhumiex tagħhom.

L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' apprendiment appoġġati permezz tal-fergħa li vvalutaw li tejbu l-kompetenzi tagħhom u żiedu l-impjegabbiltà tagħhom, li jindika l-proporzjon ta' nisa.

L-għadd, il-baġit u l-oriġini ġeografiċi tal-koproduzzjonijiet żviluppati, maħluqa u distribwiti bl-appoġġ tal-fergħa u l-koproduzzjonijiet ma' sħab minn pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.

L-għadd ta' xogħlijiet awdjoviżivi b'lingwi inqas użati żviluppati, prodotti u distribwiti bl-appoġġ tal-fergħa.

L-għadd ta' persuni milħuqa minn attivitajiet promozzjonali minn negozju għal negozju fi swieq ewlenin.

L-għadd u l-iskala ta' sħubijiet tranżnazzjonali maħluqa bl-appoġġ tal-fergħa, li jindikaw il-pajjiż tal-oriġini tal-benefiċjarju.

Evidenza kwalitattiva ta' stejjer ta' suċċess fl-oqsma tal-innovazzjoni artistika, kummerċjali u teknoloġika minħabba l-appoġġ riċevut permezz tal-fergħa.

Fergħa Informazzjoni u Ġurnaliżmu:

L-għadd ta' kmamar tal-aħbarijiet, ġurnalisti u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom jiġu appoġġati permezz tal-fergħa.

L-għadd ta' kmamar tal-aħbarijiet u ġurnalisti li joperaw fil-livell lokali appoġġati permezz tal-fergħa.

L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' apprendiment appoġġati permezz tal-fergħa li vvalutaw li tejbu l-kompetenzi tagħhom u żiedu l-impjegabbiltà tagħhom, li jindika l-proporzjon ta' nisa.

L-għadd ta' ġurnalisti li rċevew għajnuna permezz tal-proġetti appoġġati permezz tal-fergħa, li jindika l-proporzjon ta' nisa.

L-għadd ta' strumenti awtoregolatorji appoġġati permezz tal-fergħa.

Fergħat CERV+, Daphne u Valuri tal-Unjoni

L-għadd ta' persuni li ntlaħqu minn: attivitajiet ta' taħriġ; attivitajiet ta' tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba; attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, informazzjoni u disseminazzjoni.

L-għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili milħuqa minn attivitajiet ta' appoġġ u ta' bini tal-kapaċitajiet.

L-għadd ta' networks u inizjattivi tranżnazzjonali li jiffukaw fuq il-memorja u l-wirt Ewropej bħala riżultat tal-intervent tal-Programm.

L-għadd ta' vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru li bbenefikaw direttament jew indirettament mill-fergħa Daphne.

L-għadd ta' atturi tal-ispazju ċiviku li bbenefikaw mill-fergħa tal-Valuri tal-Unjoni.

(6) l-għadd ta' atturi tal-ispazju ċiviku li bbenefikaw mill-mekkaniżmu ta' rispons ta' emerġenza tal-Faċilità ta' Rispons Rapidu tal-UE

(6) l-għadd ta' DDB minn pajjiżi terzi rilokati lejn l-UE li bbenefikaw mill-Programm

Indikaturi orizzontali għall-fergħat kollha:

Indikaturi rilevanti addizzjonali biex jiġi vvalutat il-kontribut li jista' jitkejjel għal:

(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità;

(b) it-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi;

(c) il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u ġusti;

(d) it-tishih tal-parteċipazzjoni demokratika u inklużiva;

l-iżgurar tal-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà.

Id-data kollha għandha tiġi diżaggregata skont is-sess kull meta jkun possibbli.

L-evalwazzjonijiet interim u finali tal-Programm għandhom jiffukaw fuq kull fergħa u fuq kull attività u azzjoni, u għandhom jinkludu perspettiva ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u jevalwaw l-impatti fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Or. en

Emenda 1538
Łukasz Kohut

Proposta għal regolament
Anness II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness II
	INDIKATURI
	Fergħa Kultura - Ewropa Kreattiva
	L-għadd u l-iskala ta' sħubijiet tranżnazzjonali maħluqa bl-appoġġ tal-Programm, li jindikaw il-pajjiż ta' oriġini tal-benefiċjarju.
	L-għadd ta' artisti u operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi li marru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali minħabba l-appoġġ riċevut, li jindika l-pajjiż ta' oriġini u l-proporzjon ta' nisa.
	L-għadd ta' persuni li jkunu aċċessaw xogħlijiet kulturali u kreattivi Ewropej appoġġati mill-Programm, inklużi xogħlijiet minn pajjiżi għajr tagħhom stess.
	L-għadd ta' proġetti appoġġati mill-Programm indirizzati lill-komunitajiet

lokali u lill-gruppi soċjalment emarġinati.

L-għadd ta' proġetti appoġġati mill-Programm li jinvolvu organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi.

Fergħa Kultura - Mużika:

L-għadd ta' persuni li attendew avveniment live b'dimensjoni Ewropea appoġġat permezz tal-fergħa.

L-għadd ta' azzjonijiet ta' mobbiltà, inizjattivi itineranti u festivals appoġġati permezz tal-fergħa.

L-għadd ta' persuni milħuqa minn attivitajiet promozzjonali minn negozju għal negozju fi swieq ewlenin.

L-għadd ta' persuni involuti f'attivitajiet mużikali edukattivi jew parteċipattivi.

L-għadd ta' proġetti appoġġati permezz tal-fergħa indirizzati lill-komunitajiet lokali u lill-gruppi soċjalment emarġinati.

L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' apprendiment appoġġati permezz tal-fergħa li vvalutaw li tejbu l-kompetenzi tagħhom u żiedu l-impjegabbiltà tagħhom, li jindika l-proporzjon ta' nisa.

Evidenza kwalitattiva ta' stejjer ta' suċċess fil-qasam tal-innovazzjoni artistika, edukattiv, tas-soċjetà, tan-negozju u teknoloġiku minħabba l-appoġġ riċevut permezz tal-fergħa.

Fergħa Kultura - MEDIA:

L-għadd ta' persuni li aċċessaw xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej appoġġati permezz tal-fergħa minn pajjiżi li mhumiex tagħhom.

L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' apprendiment appoġġati permezz tal-fergħa li vvalutaw li tejbu l-kompetenzi tagħhom u żiedu l-impjegabbiltà tagħhom, li jindika l-proporzjon ta' nisa.

L-għadd, il-baġit u l-oriġini ġeografiċi tal-koproduzzjonijiet żviluppati, maħluqa u distribwiti bl-appoġġ tal-fergħa u l-koproduzzjonijiet ma' sħab minn pajjiżi

b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.

L-għadd ta' xogħlijiet awdjoviżivi b'lingwi inqas użati żviluppati, prodotti u distribwiti bl-appoġġ tal-fergħa.

L-għadd ta' persuni milħuqa minn attivitajiet promozzjonali minn negozju għal negozju fi swieq ewlenin.

L-għadd u l-iskala ta' sħubijiet tranżnazzjonali maħluqa bl-appoġġ tal-fergħa, li jindikaw il-pajjiż tal-oriġini tal-benefiċjarju.

Evidenza kwalitattiva ta' stejjer ta' suċċess fl-oqsma tal-innovazzjoni artistika, kummerċjali u teknoloġika minħabba l-appoġġ riċevut permezz tal-fergħa.

Fergħa Informazzjoni u Ġurnaliżmu: L-għadd ta' kmamar tal-aħbarijiet, ġurnalisti u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom jiġu appoġġati permezz tal-fergħa.

L-għadd ta' kmamar tal-aħbarijiet u ġurnalisti li joperaw fil-livell lokali appoġġati permezz tal-fergħa.

L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' apprendiment appoġġati permezz tal-fergħa li vvalutaw li tejbu l-kompetenzi tagħhom u żiedu l-impjegabbiltà tagħhom, li jindika l-proporzjon ta' nisa. L-għadd ta' ġurnalisti li rċevew għajnuna permezz tal-proġetti appoġġati permezz tal-fergħa, li jindika l-proporzjon ta' nisa.

L-għadd ta' strumenti awtoregolatorji appoġġati permezz tal-fergħa.

Fergħat CERV+, Daphne u Valuri tal-Unjoni

L-għadd ta' persuni li ntlaħqu minn: attivitajiet ta' taħriġ; attivitajiet ta' tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba; attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, informazzjoni u disseminazzjoni.

L-għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili milħuqa minn attivitajiet ta' appoġġ

u ta' bini tal-kapaċitajiet.

L-għadd ta' networks u inizjattivi tranżnazzjonali li jiffukaw fuq il-memorja u l-wirt Ewropej bħala riżultat tal-intervent tal-Programm.

L-għadd ta' vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru li bbenefikaw direttament jew indirettament mill-fergħa Daphne.

L-għadd ta' atturi tal-ispazju ċiviku li bbenefikaw mill-fergħa tal-Valuri tal-Unjoni.

Indikaturi orizzontali għall-fergħat kollha:

Indikaturi rilevanti addizzjonali biex jiġi vvalutat il-kontribut li jista' jitkejjel għal:

(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità;

(b) it-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi;

(c) il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u ġusti;

(d) it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u inklużiva;

l-iżgurar tal-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà.

Id-data kollha għandha tiġi diżaggregata skont is-sess kull meta jkun possibbli.

L-evalwazzjonijiet interim u finali tal-Programm għandhom jiffukaw fuq kull fergħa u fuq kull attività u azzjoni, u għandhom jinkludu perspettiva ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u jevalwaw l-impatti fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Or. en

Emenda 1539
Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament

Anness II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness II
	INDIKATURI
	Fergħa Kultura - Ewropa Kreattiva
	L-għadd u l-iskala ta' sħubijiet tranżnazzjonali maħluqa bl-appoġġ tal-Programm, li jindikaw il-pajjiż ta' oriġini tal-benefiċjarju.
	L-għadd ta' artisti u operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi li marru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali minħabba l-appoġġ riċevut, li jindika l-pajjiż ta' oriġini u l-proporzjon ta' nisa.
	L-għadd ta' persuni li jkunu aċċessaw xogħlijiet kulturali u kreattivi Ewropej appoġġati mill-Programm, inklużi xogħlijiet minn pajjiżi għajr tagħhom stess.
	L-għadd ta' proġetti appoġġati mill-Programm indirizzati lill-komunitajiet lokali u lill-gruppi soċjalment emarġinati.
	L-għadd ta' proġetti appoġġati mill-Programm li jinvolvu organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi.
	Fergħa Kultura - Mużika:
	L-għadd ta' persuni li attendew avveniment dirett appoġġat permezz tal-fergħa.
	L-għadd ta' inizjattivi itineranti u festivals appoġġati permezz tal-fergħa.
	L-għadd ta' persuni milħuqa minn attivitajiet promozzjonali minn negozju għal negozju fi swieq ewlenin.
	L-għadd ta' ċentri appoġġati permezz tal-fergħa.
	L-għadd ta' proġetti appoġġati permezz tal-fergħa indirizzati lill-komunitajiet lokali u lill-gruppi soċjalment emarġinati.
	L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' apprendiment appoġġati permezz tal-

fergħa li vvalutaw li tejbu l-kompetenzi tagħhom u żiedu l-impjegabbiltà tagħhom, li jindika l-proporzjon ta' nisa.

Evidenza kwalitattiva ta' stejjer ta' suċċess fl-oqsma tal-innovazzjoni artistika, kummerċjali u teknoloġika minħabba l-appoġġ riċevut permezz tal-fergħa.

Fergħa Kultura - MEDIA:

L-għadd ta' persuni li aċċessaw xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej appoġġati permezz tal-fergħa minn pajjiżi li mhumiex tagħhom.

L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' apprendiment appoġġati permezz tal-fergħa li vvalutaw li tejbu l-kompetenzi tagħhom u żiedu l-impjegabbiltà tagħhom, li jindika l-proporzjon ta' nisa.

L-għadd, il-baġit u l-oriġini ġeografiċi tal-koproduzzjonijiet żviluppati, maħluqa u distribwiti bl-appoġġ tal-fergħa u l-koproduzzjonijiet ma' sħab minn pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.

L-għadd ta' xogħlijiet awdjoviżivi b'lingwi inqas użati żviluppati, prodotti u distribwiti bl-appoġġ tal-fergħa.

L-għadd ta' persuni milħuqa minn attivitajiet promozzjonali minn negozju għal negozju fi swieq ewlenin.

L-għadd u l-iskala ta' sħubijiet tranżnazzjonali maħluqa bl-appoġġ tal-fergħa, li jindikaw il-pajjiż tal-oriġini tal-benefiċjarju.

Evidenza kwalitattiva ta' stejjer ta' suċċess fl-oqsma tal-innovazzjoni artistika, kummerċjali u teknoloġika minħabba l-appoġġ riċevut permezz tal-fergħa.

Fergħa Informazzjoni u Ġurnaliżmu:

L-għadd ta' kmamar tal-aħbarijiet, ġurnalisti u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom jiġu appoġġati permezz tal-fergħa.

L-għadd ta' kmamar tal-aħbarijiet u ġurnalisti li joperaw fil-livell lokali appoġġati permezz tal-fergħa.

L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' apprendiment appoġġati permezz tal-fergħa li vvalutaw li tejbu l-kompetenzi tagħhom u żiedu l-impjegabbiltà tagħhom, li jindika l-proporzjon ta' nisa.

L-għadd ta' ġurnalisti li rċevew għajnuna permezz tal-proġetti appoġġati permezz tal-fergħa, li jindika l-proporzjon ta' nisa b'perspettiva intersezzjonali.

L-għadd ta' strumenti awtoregolatorji appoġġati permezz tal-fergħa.

Fergħat CERV+, Daphne u Valuri tal-Unjoni

L-għadd ta' persuni li ntlaħqu minn: attivitajiet ta' taħriġ; attivitajiet ta' tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba; attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, informazzjoni u disseminazzjoni.

L-għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili milħuqa minn attivitajiet ta' appoġġ u ta' bini tal-kapaċitajiet.

L-għadd ta' networks u inizjattivi tranżnazzjonali li jiffukaw fuq il-memorja u l-wirt Ewropej bħala riżultat tal-intervent tal-Programm.

L-għadd ta' vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru inkluża l-vjolenza sesswali u l-istupru li bbenefikaw direttament jew indirettament mill-fergħa Daphne.

L-għadd ta' vittmi ta' reati ta' mibegħda li bbenefikaw direttament jew indirettament mill-fergħa Daphne u CERV+.

L-għadd ta' atturi tal-ispazju ċiviku li bbenefikaw mill-fergħa tal-Valuri tal-Unjoni.

Indikaturi orizzontali għall-fergħat kollha:

Indikaturi rilevanti addizzjonali biex jiġi vvalutat il-kontribut li jista' jitkejjel għal:

(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-

ġeneri, id-diversità u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni;

(b) it-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi;

(c) il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u ġusti;

(d) it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika u inklużiva u tal-kooperazzjoni Ewropea;

(e) l-iżgurar tal-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà.

Id-data kollha għandha tiġi diżaggregata skont is-sess kull meta jkun possibbli.

L-evalwazzjonijiet interim u finali tal-Programm għandhom jiffukaw fuq kull fergħa u fuq kull attività u azzjoni, u għandhom jinkludu perspettiva ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u jevalwaw l-impatti fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Or. en

Emenda 1540
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Anness II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS II
	INDIKATURI KWALITATTIVI U KWANTITATTIVI KOMUNI TAL-IMPATT TAL-PROGRAMM
	L-għadd u firxa ta' sħubiji tranżnazzjonali maħluqa bl-appoġġ tal-Programm, inkluż il-pajjiż ta' oriġini tal-organizzazzjonijiet benefiċjarji.
	Evidenza kwalitattiva ta' stejjer ta' suċċess fil-qasam tal-innovazzjoni artistika, kummerċjali u teknoloġika bis-saħħa tal-appoġġ mill-Programm.

Indikaturi

Fergħa Kultura:

L-għadd u l-firxa ta' sħubiji tranżnazzjonali maħluqa bl-appoġġ tal-Programm.

L-għadd ta' artisti u operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi li ċċaqalqu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali bis-saħħa tal-appoġġ mill-Programm, filwaqt li jiġi indikat il-pajjiż ta' oriġini u l-proporzjon ta' nisa.

L-għadd ta' persuni li jkunu aċċessaw xogħlijiet kulturali u kreattivi Ewropej appoġġati mill-Programm, inklużi xogħlijiet minn pajjiżi għajr tagħhom stess.

L-għadd ta' proġetti appoġġati mill-Programm li jindirizzaw gruppi soċjalment emarġinati.

L-għadd ta' proġetti appoġġati mill-Programm li jinvolvu organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi.

Fergħa MEDIA:

L-għadd ta' persuni li jkunu aċċessaw xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej appoġġati mill-Programm minn pajjiżi oħra li ma jkunux tagħhom.

L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' tagħlim appoġġati mill-Programm li jkunu stmaw li huma tejbu l-kompetenzi tagħhom u li żiedu l-impjegabbiltà tagħhom, filwaqt li jiġi indikat il-proporzjon ta' nisa.

L-għadd, il-baġit u l-oriġini ġeografiċi tal-koproduzzjonijiet żviluppati, maħluqa u distribwiti bl-appoġġ tal-Programm u koproduzzjonijiet ma' sħab minn pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.

L-għadd ta' xogħlijiet awdjoviżivi żviluppati b'lingwi inqas użati, prodotti u distribwiti bl-appoġġ tal-Programm.

L-għadd ta' persuni li ntlaħqu mill-attivitajiet promozzjonali ta' Negozju għal

Negozju fi swieq ewlenin.

Fergħa Transettorjali:

L-għadd u l-firxa ta' sħubijiet tranżnazzjonali ffurmati (indikatur kompost għall-azzjoni "laboratorju tal-innovazzjoni kreattiva" u azzjonijiet trażversali li jappoġġaw is-settur tal-media tal-informazzjoni).

L-għadd ta' avvenimenti jew attivitajiet li jippromwovu l-Programm organizzati mid-desks tal-Programm.

L-għadd ta' parteċipanti fl-azzjoni tal-"laboratorju tal-innovazzjoni kreattiva" u fl-azzjonijiet trażversali li jappoġġaw lis-settur tal-media tal-aħbarijiet, filwaqt li jiġi indikat il-proporzjon ta' nisa.

Or. en

Emenda 1541
Sabine Verheyen, Eleonora Meleti, Manuela Ripa, Sunčana Glavak

Proposta għal regolament
Anness II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS II
	INDIKATURI KWALITATTIVI U KWANTITATTIVI KOMUNI TAL-IMPATT TAL-PROGRAMM
	L-għadd u firxa ta' sħubiji tranżnazzjonali maħluqa bl-appoġġ tal-Programm, inkluż il-pajjiż ta' oriġini tal-organizzazzjonijiet benefiċjarji.
	Indikaturi
	Fergħa Ewropa Kreattiva - Kultura
	L-għadd u firxa ta' sħubijiet tranżnazzjonali maħluqa bl-appoġġ tal-Programm, inkluż il-pajjiż ta' oriġini tal-organizzazzjonijiet benefiċjarji.
	Evidenza kwalitattiva ta' stejjer ta'

suċċess fil-qasam tal-innovazzjoni artistika, kummerċjali u teknoloġika bis-saħħa tal-appoġġ mill-Programm.

L-għadd ta' artisti u operaturi fis-setturi kulturali u kreattivi li ċċaqalqu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali bis-saħħa tal-appoġġ mill-Programm, filwaqt li jiġi indikat il-pajjiż ta' oriġini u l-proporzjon ta' nisa.

L-għadd ta' persuni li jkunu aċċessaw xogħlijiet kulturali u kreattivi Ewropej appoġġati mill-Programm, inklużi xogħlijiet minn pajjiżi għajr tagħhom stess.

L-għadd ta' proġetti appoġġati mill-Programm indirizzati lill-komunitajiet lokali u lill-gruppi soċjalment emarġinati.

L-għadd ta' proġetti appoġġati mill-Programm li jinvolvu organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi.

L-għadd ta' avvenimenti live inklużi inizjattivi ta' vjaġġar u festivals appoġġati mill-Programm.

Subfergħa "Media":

L-għadd ta' persuni li jkunu aċċessaw xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej appoġġati mill-Programm minn pajjiżi oħra li ma jkunux tagħhom.

L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' tagħlim appoġġati mill-Programm li jkunu stmaw li huma tejbu l-kompetenzi tagħhom u li żiedu l-impjegabbiltà tagħhom, filwaqt li jiġi indikat il-proporzjon ta' nisa.

L-għadd, il-baġit u l-oriġini ġeografiċi tal-koproduzzjonijiet żviluppati, maħluqa u distribwiti bl-appoġġ tal-Programm u koproduzzjonijiet ma' sħab minn pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.

L-għadd ta' xogħlijiet awdjoviżivi żviluppati b'lingwi inqas użati, prodotti u distribwiti bl-appoġġ tal-Programm.

L-għadd ta' persuni li ntlaħqu mill-attivitajiet promozzjonali ta' Negozju għal

Negozju fi swieq ewlenin.

Subfergħa "Media tal-Aħbarijiet":

L-għadd ta' ġurnalisti, kmamar tal-aħbarijiet u entitajiet oħra li jibbenefikaw mill-appoġġ skont il-Programm.

L-għadd ta' xogħlijiet u inizjattivi ġurnalistiċi żviluppati, prodotti jew distribwiti bl-appoġġ tal-Programm.

L-għadd ta' persuni milħuqa skont il-kontenut u l-attivitajiet appoġġati mill-Programm.

L-għadd ta' parteċipanti f'attivitajiet ta' tagħlim u ta' bini tal-kapaċitajiet appoġġati mill-Programm, li jindika l-proporzjon ta' nisa.

L-għadd ta' ċittadini li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' litteriżmu fil-media appoġġati mill-Programm.

L-għadd ta' inizjattivi u attivitajiet ta' kooperazzjoni appoġġati mill-Programm immirati lejn it-tisħiħ tal-integrità, it-trasparenza u r-reżiljenza tal-ambjent tal-informazzjoni.

L-għadd ta' strumenti awtoregolatorji appoġġati mill-Programm.

Prijoritajiet u attivitajiet trażversali u orizzontali

L-għadd u l-iskala ta' sħubijiet tranżnazzjonali ffurmati.

L-għadd ta' avvenimenti jew attivitajiet li jippromwovu l-Programm organizzati mid-desks tal-Programm.

Or. en

Emenda 1542
Joanna Scheuring-Wielgus

Proposta għal regolament

Anness II

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness II
	L-għadd ta' persuni milħuqa minn attivitajiet promozzjonali minn negozju għal negozju fis-swieq kollha.

Or. en

Emenda 1543
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
ANNESS III

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS III
	Il-logo tal-Fergħa Kultura - Ewropa Kreattiva għandu jkun kif ġej: Logo
	Flimkien mat-test: "Kofinanzjat mill-Programm Kultura - Ewropa Kreattiva tal-Unjoni Ewropea"
	Il-logo tal-fergħa Kultura - MEDIA għandu jkun kif ġej: Logo

Or. en

Emenda 1544
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
ANNESS III

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS IIIa
	LOGO TA' EWROPA KREATTIVA – MEDIA
	Il-logo ta' Ewropa Kreattiva - MEDIA għandu jkun kif ġej:



Creativ
Europe
MEDIA

Sors: https://www.eacea.ec.europa.eu/grants/visual-identity/creative-europe-media-visual-identity_mtUnion'

Or. en